MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 53/2007

Il-Pulizija
(Supt. A. Farrugia)

Vs

Carmelo Falzon
Emanuel Falzon

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti/appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-Gzejjer, matul dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :
a) iffalsifikaw cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra illi meta gew prezentati rrcevew bihom hlas, jew hadu

kunsinna ta’ oggetti, jew gabru depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern, u dan bi ksur tal-Artikolu 167 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) xjentement ghamlu uzu minn cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta gew ipprezentati rrcevew bihom hlas, jew hadu kunsinna ta’ oggetti, jew gabru depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern, u dan bi ksur tal-Artikolu 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi ddahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi, wara li kienu gew iffirmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, milli dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom, fihom jew jippruvaw; u aktar talli xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija hawn fuq, u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) sabiex kisbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz, u dan bi skur tal-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

e) b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra, sabiex gieghelu titwemmew l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, ghamlu qliegh b’qerq li jammonta ghal aktar minn elf lira Maltin (LM1000), ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

f) f’isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fil-11 ta’ Novembru 1992, u/jew f’xi dati qabel, bhala diretturi tal-Kumpanija Marketing International Ltd, ta’ Reservoir Street, San Gwann, f’isem il-kumpanija msemmija, importaw f’Malta fl-1 ta’ Novembru, 1994 “container” bin-numru IEUA 28056/2, mal-vapur Widukind. Talli fis-16 ta’ Settembru,

1993, u/jew f'xi dati qabel, l-istess Carmel sive Charles Falzon u Emanuel Falzon, bhala diretturi tal-kumpanija Marketing Services Ltd tal-RA, Ricasoli Industrial Estate, Kalkara, regghu mpurtaw f'Malta, erba' (4) pallets ohra, li kienu jikkonsistu fi tnejn u sebghin (72) kartuna "toys". Talli fiz-zewg importazzjonijiet l-imsemmija Carmel u Emanuel Falzon xjentement ipprezentaw jew ippermettew li jigu pprezentati lill-Awtoritajiet tad-Dwana "invoices" foloz, bil-hsieb li jevadu l-hlas tad-dazju dovut, peress illi f'dawn l-"invoices" gie mibdul il-valur reali tal-oggetti mportati, meta xjentement kienu jafu li b'dan il-qerq, huma kienu se jaghmlu reat ghad-dannu tal-Gvern Malti. Barra minn hekk talli ddikjaraw fuq il-Customs Duty Entry numru 000230878 li l-oggetti kienu gew manifatturati f'xi pajjiz tal-EEC, meta xjentement kienu jafu, ghall-fini ta' dazju, illi r-rata tad-dazju ghall-oggetti mpurtati mill-pajjizi u/jew pajjiz membru tal-EEC, hija ferm inqas, minn dik ir-rata tad-dazju, ghall-oggetti manifatturati minn pajjizi u/jew pajjizi mhux membri tal-EEC, u dan kollu sar billi l-valur/dazju proprju kellu jkun valur ghall-ammont ta' LM 19,956.87,7 dazju LM 4,189.09,1, liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat, hlief ghall-ammont ta' LM946.78,1 liema dazju thallas skond id-Duty Entries numru 000230878 u 0657002, u dan bi ksur tal-Artikolu 18, 60(a)9k), 62(a)(b)(h)(l)(j)(k)(m) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Frar, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 167, 169, 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 60 (a)(k), 62(a)(b)(h)(i)(j)(k)(m), u l-proviso kollha taht il-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti/appellati hatja tat-tieni, t-tieni parti tat-tielet, ir-raba', l-hames u s-sitt akkuzi, illiberathom mill-ewwel akkuza, mill-ewwel parti tat-tielet akkuza b'assorbiment tat-tieni parti tat-tielet akkuza, assorbiment tar-raba' w tal-hames akkuza w ikkundannathom ghal erbatax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn, waqt illi kkundannathom sabiex flimkien ihallsu multa ta' tlieta w erbghin elf, tmiena mija w seba' w sittin lira w tnejn u tmenin centezmu (LM43,867.82), rapprezentanti tlett elef, disa' mija w erba' w hamsin lira w tmien centezmi (LM3954.08) f'import ta'

ammont ta’ dazju dovut, u d-doppju tal-valur tal-merkanzija mertu tal-akkuza (ie. Dsatax-il elf, disa’ mija w sitta w hamsin lira, seba’ w tmenin centezmu w seba’ millezmi multiplikati ghal darbtejn (LM19,956.87,7 X 2).

Rat ir-rikors tal-appellanti Emanuel u Carmel Falzon minnhom ipprezentat fl-14 ta’ Frar, 2007, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermha fil-parti liberatorja taghha w tirrevokaha fil-parti fejn instabu hatja, billi tilliberahom minn kull imputazzjoni w piena skond il-Ligi, u f’kull kaz, anke jekk il-Qorti ssib htija, li tigi applikata l-piena adegwata skond il-Ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-16 ta’ Frar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonferma l-istess sentenza fejn illiberat lill-appellati, tikkonferma fejn sabet htija w infliggiet erbatax il-xahar prigunerija sospizi fuq kull wiehed mill-appellati izda tirrevokaha fejn inponiet multa ta’ LM 43,867.82 flimkien u minflok timponi multa ta’ LM43,867.82 fuq kull wiehed mill-appellati oltre l-konfiska tal-esibiti skond il-ligi.
Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Carmel u Emanuel Falzon, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’ :- li l-appellanti gew misjuba hatja hazin fuq il-fatti tal-kawza, li kien hemm irregolaritajiet matul il-kawza w kien hemm interpretazzjoni w applikazzjoni zbaljata tal-ligi, li seta’ kellha influwenza fuq is-sentenza. Aktar specifikatament l-aggravji kienu dawn :-

a. **Preskrizzjoni**. Skond l-artikolu 76 (2) ( c ) tal-Kap.37, kif kien ilu vigenti sa mill-1994 u qabel ma gie emendat bl-Att XII tal-2001, u cioe’ fid-29 ta’ Novembru, 1994, meta l-appellanti gew akkuzati formalment, il-preskrizzjoni applikabbli kienet ta’ sentejn mid-data tal-kommissjoni tad-delitt. Li skond il-*letter to prosecute* tad-29 ta’ Novembru, 1994, id-data kienet indikata bhala “il-11 ta’Novembru, 1992” meta saret l-importazzjoni tal-ewwel konsenja. Din id-data kontenuta fl-akkuza kienet giet

korretta w giet esebita *letter to prosecute* gdida u sar l-ezami mill-gdid tal-appellanti mill-Ewwel Qorti. Dan ifisser li l-ewwel darba li l-appellanti gew notifikati bl-akkuzi kif dedotti f' dawn il-proceduri kien fid-29 ta' Novembru, 1994 li hija ukoll id-data tal-*letter to prosecute* li tikkombacja ma l-akkuzi odjerni. Ghalhekk l-akkuza kontenuta fl-imputazzjoni (f) koncernanti l-importazzjoni mis-socjeta' Marketing International Limited ta' "container" bin-numru IEAU280567/2 mal-vapur Vidukind kontenenti "toys" u "catalogus idea book" hija preskritta .

**b. Enuncjazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi**

(i) li l-Ewwel Qorti b' mod legger warrbet punt imqajjem mid-difiza li t-testimonjanza prodotta mill-ittri rogatorji m' hix ammissibbli skond il-ligi ghaliex ma ttiehditx skond il-formalitajiet preskritti mill-ligi nostrana. L-Ewwel Qorti kienet ordnat f'aktar minn okkazzjoni wahda li x-xiehda mismugha fid-Danimarka kellhom jinstemghu bil-gurament. Din l-ordni ma gietx obduta w ghalhekk dak li sar huwa null u bla effett fil-ligi. Ghalhekk dawn it-testimonjanzi ghandhom jigu skartati kompletament fl-apprezzament tal-provi.

(ii) Gie ukoll miksur id-dispozittiv tal-art. 614 (2) tal-Kap.12 ghaliex id-domandi li ntbaghtu biex fuqhom isiru ir-Rogatorji ma gewx mibghuta bil-lingwa tal-pajjiz fejn kellhom jinstemghu x-xhieda, li hija d-Daniz, imma bil-Malti w bi traduzzjoini taghhom bl-Ingliz. Lanqas giet verbalizata l-eccezzjoni kontenuta fl-art. 614 (2), kieku stess kienet applikabbli. Ghalhekk anki fuq din il-bazi ix-xiehda "mehuda" mill-awtorita' estera hija bazata fuq nullita' procedurali u kwindi ghandha tigi skartata kompletament u ukoll m'ghandix tifforma parti mill-apprezzament tal-provi.

(iii) Il-kalkolu tal-multa sar hazin u bla pregudizzju kellu jkun ta' LM11,701.64c4 u mhux ta' LM43,867.82. fl-aghar ipotesi u fl-ahjar ipotesi LM6,551.31c jekk wiehed jirriduci l-ammont tad-dazju li diga thallas fuq il-merkanzija in kwistjoni.

(iv) Li l-artikolu 62 (a) (j) (k) li bihom l-appellanti gew akkuzati ma humiex applikabbli ghall-dan il-kaz.

(v) Li dan mhux kaz fejn instabet xi merkanzija li d-Dwana qed tallega li ma thallsitx dazju fuqu w fejn kwindi l-importatur irid jipprova hu li d-dazju kien thallas. Imma

dan hu kaz fejn giet importata merkanzija, fejn l-oggetti kollha kienu gew dikjarati u d-Dwana qed tallega li l-valur tal-merkanzija kellu jkun aktar gholi minn dak li gie dikjarat. Mela l-pern ta' kollox hu l-korretezza o meno ta' dak li qed jigi allegat mill-Prosekuzzjoni. Ghalhekk trid issir il-prova li l-valur kien oghla. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tibda l-analisi taghha mill-artrikolu 77. Il-gurisprudenza citata mill-Ewwel Qorti mhux applikabbli ghal dan il-kaz. L-Ewwel Qorti ikkonfondiet principji bazilari billi bdiet l-ewwel x' inhu l-principju jekk wiehed isostni li d-dazju thallas milli mill-fatt jekk fil-fatt kellux jithallas.

(vi) Minkejja li l-appellant Emanuel Falzon xehed li hu ma kellu x' jaqsam xejn mall-operazzjoni tal-kumpanija Marketing International Limited, l-Ewwel Qorti tefghet liz-zewg appellanti fl-istess keffa. L-unika prova li saret fil-konfront ta' dan l-appellant kienet li hu azzjonist u direttur tas-socjetajiet importaturi w minn imkien ma gie pruvat mill-Prosekuzzjoni l-icken involviment tieghu dwar dawn l-importazzjonijiet. Ghalhekk Emanuel Falzon ma kellux jinstab hati ghax hu pprova fuq bazi ta' probabbilta' li ma kellu x' jaqsam xejn ma dawn l-importazzjonijiet

(vii) Li zbalji u konfuzjonijiet li hemm fin-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija gew ripetuti fis-sentenza appellata. Hemm konfuzzjoni fl-ismijiet tas-socjetajiet. Il-*letter to prosecute* tindika biss zewg socjetajiet u cioe' Marketing International Limited u Marketing Services Limited. Ghalhekk l-appellanti ma jistghux jinstabu hatja ta' evazjoini ta' dazju tat-tieni importazzjoni peress li d-ditta Crafts Creations m'hiex id-ditta Marketing Services Limited.

(viii) Li ix-xiehda f' Malta ta' Jette Johansen hija bazata fuq "*hearsay evidence"*

(ix) L-akkuzi taht il-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn il-prosekuzzjoni trid tipprova mhux biss l-att materjali tad-delitt izda ukoll l-element intenzjonali ta' dawn l-istess delitti, gew trattati mill-Ewwel Qorti fl-istess keffa, wara li ttrattat delitt wiehed minnhom. Fir-rigward tal-imputazzjoni taht l-**artikolu 184**, gew prodotti Jette Johansen, Birthe Hansen, Bjarne Christiansen u Dan Hansen imma mix-xhieda ta' dawn il-persuni ma jirrizultax dak li kellha tipprova l-prosekuzzjoini w cioe' li d-dokumenti li

pprezentaw l-appellanti kienu foloz. Anki ghar-rigward ta' l-element intenzjonali ma hemmx il-prova fil-grad rikjest mill-ligi li l-appellanti kellhom ix-xjenza li qed jaghmlu uzu minn tali att. Emanuel Falzon ma kellu x'jaqsam xejn u Carmelo Falon xehed li hu kien ipprezenta d-dokumenti li huwa kien irceva minnghand id-ditta esportatrici w li hu ma kellu assolutament l-ebda xjenza li hu kien qed juza xi dokument falsifikat. Fir-rigward tal-**artikolu 169** japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet applikabbli ghall-art. 184 appena imsemmija. L-istess japplika ghar-reati taht l-**artikolu 188** u l-**artikolu 308**.

(x) Dwar Euro 1 Certificates, l-appellanti ma kellhom l-ebda intenzjoni illi jaghmlu dikjarazzjoni ghajr id-dokument li huma rcevew dwar l-ewwel importazzjoni li bl-ebda mod ma kien jindika l-Izvizzera bhala l-origini tal-gugarelli.

**c.** l-appellanti nstabu hatja hazin fuq il-fatti tal-kawza. In ultima analisi hawn hemm zewg versjonijiet, dik tad-ditta esportatrici w dik tal-appellanti. Anki jekk iz-zewg xhieda tad-ditta esportatrici jigu ammessi, dak li qalu dawn iz-zewg xhieda ma jwassalx ghall-konvinciment morali ta' htija tal-akkuzi addebitati kontra l-appellanti w d-ditta esportatrici naqset milli tipprezernta x-xiehda tal-persuna li kienet responsabbli mill-hrug tal-fatturi. L-istess ma ngabet ebda prova biex turi x' kienet l-"Lego's computer system" biex jigi pruvat li din kienet differenti mid-dokumenti. L-Ewwel Qorti skartat ix-xhieda tal-appellanti w irrimarkat li ma ngabitx prova tal-kawza civili li huma ghamlu meta kien hemm qbil verbali li dan ma kienx mehtieg.

**d**. Il-piena pekunjarja kienet zbaljata w l-piena inflitta kienet wahda eccessiva tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti u cioe' li meta l-Ewwel Qorti giet ghall-piena, filwaqt li mponiet prigunerija sospiza ta' erbatax il-xahar, ikkundannat ukoll lill-appellati ahwa Falzon multa "*flimkien"* ta' Lm43,867.82c meta skond l-artikolu 63 tal-Kap.37 tal-Ligijiet ta' Malta tali multa kellha tigi imposta

fuq kull min jikser il-provvediment relattiv u mhux *"flimkien"*. Illi ghalhekk kull wiehed mill-appellati kellu ukoll jigi kundannat ihallas multa ta' LM43,867.82c. Inoltre il-Qorti ma ordnatx il-konfiska tat-toys/oggetti esebiti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti/ appellati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat il-verbal tat-8 ta' Marzu, 2007 li bih Dr.Azzopardi ghall-prosekuzzjoni ddikjara li d-dazju dovut kien ta' LM3900.54c u ghalhekk il-multa kellha tkun dik ta' LM11,701.64c u mhux dik erogata fis-sentenza appellata.

Rat il-verbal tal-istess data li bih id-difensur tal-appellanti/appellati, Dr. Mallia ddikjara li bla pregudizzju ghall-mertu ta' l-appell, li jekk jekk tinstab htija, l-ammont tal-multa ta' LM11,701.64c ikun dovut minn kull wiehed mill-appellanti, pero' li hu ma jaqbilx mall-konfiska ghax hemm proceduri civili fuq is-*"seizure note",* li ghadhom pendenti .

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Li ghal ragunijiet ovvji, din il-Qorti trid l-ewwel tittratta w tiddisponi mill-appell tal-appellanti ahwa Falzon, peress li l-appell tal-Avukat Generali jirrigwarda biss il-piena w jkun rilevanti biss f' kaz li tigi konfermata d-dikjarazzjoni ta' htija fil-konfront taz-zewg appellati fir-rigward tal-imputazzjonijiet taht il-ligi tad-Dwana.

L-ewwel aggravju hu dak li l-Ewwel Qorti ma ddikjaratx ir-reati taht il-Kap.37 konnessi mal-ewwel importazzjoni preskritti. L-appellant jikkontendi li l-akkuza originali kienet tirriferi ghall-importazzjoni ta' konsenja merkanzija li sehhet fil-1 ta' Novembru, 1992 u ohra fil-25 t' Awwissu, 1993. Din l-ahhar data giet korretta ghal dik tas-16 ta' Settembru, 1993, fuq talba tal-prosekuzzjoni b' digriet tal-

Qorti Istruttorja tad-29 ta’ Novembru, 1994, meta dik il-Qorti regghet fissret mill-gdid l-akkuzi lill-appellanti u effettivament rega’ sar l-ezami mill-gdid. Dan ghaliex, meta, wara li gew korretti l-akkuza w wara li giet sostitwita il-letter to prosecute b’ wahda gdida datata 29 ta’ Novembru, 1994, u l-Ewwel Qorti, a bazi tal-art. 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali fissret mill-gdid l-akkuzi kif issa dedotti lill-appellant, kienu allura ghaddew aktar minn sentejn mill-kommissjoni tal-ewwel reat li allegatament sar fil-1 ta’ Novembru, 1992.

Illi pero’ l-appellanti qed jinjoraw il-fatt li l-akkuzi dedotti kontra taghhom kemm fl-akkuza originali (fol. 1) u fin-Nota tal-Avukat Generali mibghuta ai termini tal-art. 370 tal-Kodici Kriminali, (fol. 429), gew hekk dedotti bhala **reat kontinwat** w allura z-zmien ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni jibda’ jiddekorri <u>mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi</u> skond l-artikolu 691(1) tal-Kodici Kriminali. Issa hawn l-appellanti qed jigu akkuzati bl-istess ksur tal-ligi f’ zewg okkazzjonijiet differenti w cioe’ wiehed li sehh fl-1 ta’ Novembru, 1992 u l-iehor li allegatament sehh fis-16 ta’ Settembru, 1993. Ergo, ladarba l-preskrizzjoni allura vigenti ghal dawn ir-reati, kif jissomomettu l-istess appellanti kienet dik ta’ sentejn u ladarba - wkoll kif jissottomettu l-appellanti - huma gew notifikati bic-citazzjoni kif korretta fid-29 ta’ Novembru, 1994, zgur li ma kienux ghaddew aktar minn sentejn mill-ahhar ksur tal-ligi u d-data tan-notifika mill-gdid tac-citazzjoni kif korretta. Ghalhekk din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda w l-aggravju relattiv hu infondat.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-ammissibilita’ tax-xiehda kontenuti fir-rogatorji li saru fuq ordni tal-Ewwel Qorti bhala Qorti Istruutorja fid-Danimarka. L-appellanti jghidu li minkejja li l-Qorti Istruttorja f’ diversi okkazzjoinijiet kienet ordnat li dawn id-depozizzjonijiet li nstemghu bil-procedura tal-ittri rogatorji kellhom jittiehdu bil-gurament, dan ma sarx. Dan skondhom jirrendi din il-procedura nulla w invalida w ergo id-depozizzjonijiet mhumiex ammissibbli.

Issa l-appellanti huma korretti meta jghidu li l-Ewwel Qorti ordnat li dawn id-depozizzjonijiet jittiehdu bil-gurament. (ara Digrieti tad-19 ta' Dicembru, 1997 , fol. 309, vol. II u tas-27 ta' Mejju, 1998. Fol. 353, vol. II.)

L-artikolu 618 tal-Kap.12 jiddisponi li :-

"Ir-registratur …jikteb ittra rogatorjali indirizzata lil wiehed mill-Imhallfin jew magistrati tal-lok fejn is-smiegh tax-xhud ghandu jsir…u jitlob … biex jinstemgha x-xhud **b' gurament."** *(emfasi w sottolinear ta' din il-Qorti.)*

Jekk pero' wiehed jara t-traduzzjoni bl-Ingliz ta' dawn id-domandi u risposti li saru bil-procedura rogatorjali, jsib biss verbalizzat li x-xhud (u hawn ikun hemm isem ix-xhud) *"appeared as a witness, and – duly cautioned – explained".* (ara fols. 400, 403, u 405.), Fl-original bid-Daniz insibu l-kliem : *"Som vidne fremstod Jette Johansen, der – behorigt formanet – forklarede"* (fol. 410); *"Som vidne fremstod Bjarne Christiansen, Sonderkaer 267, Billund, der – behorigt formanet – forklarede"* (fol. 414) u *"Som vidne fremstod Dan Hansen, Truensevej 5, Kolding, der – behorigt formanet – forklarede"* (fol.417)

Illi l-espressjoni "*behorigt formanet*" bid-Daniz tfisser *"duly warned*" jew *"properly admonished*" jew kif gie tradott mitt-traduttrici nominata mill-Ewwel Qorti *"duly cautioned"* biss u ma tindikax li fil-fatt ikun gie amministrat il-gurament fil-formola li tixbah dik addottata skond il-ligi procedurali w prassi Maltija jew li x-xhud ikun wettaq solennement dak li ser jiddeponi skond l-artikolu 632 tal-kodici Kriminali. Ghalhekk ma jirrizultax li l-ordni tal-Qorti Maltija gie esegwit. Ghalkemm x' aktarx li giet segwita l-formalita' preskritta mill-ligi Daniza li tikkonsisti filli xhud jigi biss mwissi mill-gudikant li jrid jghid il-verita' f' dak li jkun ser jghid u jigi mwissi bil-konsgwenzi jekk jonqos milli jaghmel dan, ma jirrizultax li gie amministrat lil dawn ix-xhieda l-gurament kif jezisti fil-ligi taghna w fil-forma li nafu ahna w li hija prevalenti fil-Common Law Countries, fl-Istati Uniti , eccetera.

L-abbli prosekutur fit-trattazzjoni orali ssottometta li d-difiza ma gabitx prova li l-affarijiet ma sarux sewwa u ghalhekk hawn kellha tapplika l-massima legali : "*omnia praesumitur ritae esse acta".*

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata warrbet dan l-ilment tal-appellanti billi qalet testwalment li *"ma tista' bl-ebda mod takkolji dak sollevat mid-difiza, kemm fit-trattazzjoni u kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-17 ta' Marzu, 2005, rigwardanti t-testimonjanza prodotta mill-ittri rogatorji…..ghaliex ix-xhieda giet prodotta skond il-ligijiet ta'dak il-pajjiz."*

Ghalhekk ghalkemm donnu *impliciter* l-Ewwel Qorti donnha kienet qed taccetta li fil-fatt ix-xiehda ma nstemghetx bil-gurament kif ordnat hi, hasset li dan ma jinvalidax il-procedura, ghax kollox sar skond il-ligi tal-pajjiz. Pero' bir-rispett, apparti li ma saret ebda prova minn espert legali "*on foreign law*" x' inhi ezatt il-pozizzjoni legali dwar il-gurament fid-Danimarka, kif wiehed kien jistenna li kellu jsir ladarba din il-kwistjoni tqajjmet quddiem l-Ewwel Qorti, jibqa' l-fatt li *prima facie* mit-traduzzjoni tad-dokumenti rogatorjali esebiti ma jirrizultax li nghata gurament bil-forma jew formola li hija accettata skond il-ligi Maltija, anzi jekk xejn hu indikat il-kuntrarju. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-Ewwel Qorti, rinfaccjata b' din il-kwistjoni, ma kellhiex twarrab din l-eccezzjoni leggerment kif donnu ghamlet u jmissha ghall-inqas irrikorriet ghan-nomina ta' espert fuq il-ligi procedurali Daniza biex jiccara x' inhi l-pozizzjoni legali ezatta f' dak il-pajjiz. Umbaghad, anki jekk kollox sar skond il-ligi Daniza, jekk ma jkunx gie osservat l-ordni tal-Qorti Maltija li x-xiehda kellha tittiehed bil-gurament, din il-Qorti ma tarax li dawk id-depozizzjonijiet mhux mehuda bil-gurament kellhom jigu accettati bhala ammissibbli.

Ikkonsidrat;

Barra minn hekk l-appellanti jilmentaw minn irregolarita' ohra fil-procedura rogatorjali addottata mill-Ewwel Qorti u cioe' li kuntrarjament ghal dak li tghid il-ligi, ma saritx mill-prosekuzzjoni traduzzoni bid-lingwa Daniza tad-domandi

meta saret it-talba quddiem il-Qorti biex dawn jintbaghtu id-Danimarka, kif rikjest mill-artikolu 614(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu in kwistjoni jiddisponi testwalment li :-

"Il-Qorti ma tircevix dawn il-mistoqsijiet….. jekk ma jkunx hemm maghhom traduzzjoni fl-ilsien tal-pajjiz li fih ix-xhud ghandu jigi mismugh." *(sottolinear ta' din il-Qorti)*

Ghal din ir-regola hemm eccezzjoni fl-istess subartikolu li jkompli jghid :-

*"kemm il-darba il-parti ma turix, b' sodisfazzjon tal-Qorti, li din it-traduzzjoni mhux pratikabbli, f' liema kaz din ic-cirkostanza ghandha titnizzel f' verbal fl-atti tal-kawza u ghandha tigi imsemmija fl-ittra rogatorjali kkuntemplata fl-artikolu 618"* (sottolieanear ta' din il-Qorti).

Issa jekk wiehed jara it-talba li saret mill-Prosekuzzjoni fl-udjenza tal-15 ta' Dicembru, 1997, biex isiru dawn id-domandi lil dawn ix-xhieda bil-procedura tar-rogatorji (fol. 306), insibu biss li xehdet l-Ispettur Farrugia Mamo. Gew esebiti r-rogatorji w giet mghoddija kopja lid-difiza w l-kawza giet differita ghad-19 ta' Dicembru, 1997 biex id-difiza tinghata l-opportunita' tarahom u l-imputati taw ruhom b' notifikati. Fix-xiehda taghha (fols. 307 308) l-Ispettur Farrugia Mamo qalet li kienet qed tesebixxi set ta' mistoqsijiet lil Birthe Hansen u lil Jette Johansen u dokumenti. Id-domandi kienu bil-Malti u bl-Ingliz. Effettivament mid-domandi esebiti a fols. 311 312, 327 u 328 jidher li dawn fihom versjoni bil-Malti u l-ohra bl-Ingliz. Ma gietx prezentata versjoni bid-Daniz. Lanqas ma gie verbalizzat li l-Prosekuzzjoni kienet qed titlob xi dispensa minn dan l-obbligu li jkun hemm ukoll traduzzjoni bid-Daniz u li kienet qed turi lil Qorti li dan ma kienx pratikabbli. Minkejja dan in-nuqqas l-Ewwel Qorti, bid-Digriet Taghha tad-19 ta' Dicembru, 1997, ordnat illi r-rogatorji jintbaghtu lir-Registratur tal-Qrati biex jintbaghtu lill-Imhallfin jew Magistrati msemmija fl-istess rogatorji sabiex jinstemghu x-xhieda hemm indikati bil-gurament. Fl-ahhar tad-Digriet (Fol. 310) insibu l-kliem :-

"*Tordna ukoll lir-Registratur tal-Qrati biex jeffettwa traduzzjoni tal-akkuza u ta' dan id-Digriet.*"

Apparti li ma jintqalx minn liema lingwa u ghall-liema lingwa kellha ssir din it-traduzzjoni, dan l-ordni lanqas ma jirriferi ghad-domandi rogatorjali imma ghall-akkuza w ghall-istess Digriet. Inoltre mhux ir-Registratur li ried jaghmel traduzzjoni ghad-Daniz, jekk stess din kellha tkun il-lingwa, imma l-prosekuzzjoni li kienet qed titlob ir-rogatorji.

Ghalhekk bl-ebda mod ma jidher li gie osservat id-dettam tal-ligi kontenut fl-artikoli 614 u 618.

Irrizulta wkoll li sussegwentement, fl-udjenza tal-20 ta' Mejju, 1998 (fol. 352) l-Ispettur Mamo infurmat il-Qorti li min taghrif li kien waslilha mid-Dwana f' Malta, wara li huma vverifikaw il-fatti taghhom, illi Birthe Hansen mhuwiex impjegat tas-socjeta' privata izda impjegat tad-Dipartiment tad-Dwana Daniza u li inoltre xtaqet taghmel domandi ulterjuri lil Dan Hansen u Bjorne Christiansen (zewg xhieda godda) u li ppromettiet li f' seduta sussegwenti tesebixxi d-domandi li tixtieq taghmel lil dawn ix-xhieda. Dawn effettivament gew esebiti fl-udjenza tas-27 ta Mejju, 1998 (fol. 353) Dawn id-domandi ukoll saru bl-Ingliz u bil-Malti biss u ma saritx traduzzjoni ghad-Daniz mill-Prosekuzzjoni u jidher li gew ripetuti l-istess irregolaritajiet legali w procedurali fuq imsemmija anki fit-tieni set ta' domandi rogatorjali. (Ara l-kontenut tal-involukru Dok. MC a fol.382).

Jidher li b' dana kollu l-ezami tax-xhieda imsemmija sar fid-Danimarka bil-lingwa Daniza (Fols. 409 sa 420) tant li meta dawn ir-risposti gew lura, l-Ewwel Qorti kellha tinnomina espert traduttur biex jittraduci dawn ir-risposti. (fol. 390) Anki hawn il-Qorti ma qalitx ghall-liema lingwa kellhom jigu tradotti dawn ir-risposti . Fil-fatt l-espert ittraduciethom mid-Daniz ghall-Ingliz u b' verbal a fol. 396 tal-udjenza tal-14 ta' Settembru, 1999, meta gew esebiti dawn it-traduzzjonijiet, l-imputati appellanti kienu ddikjaraw li jifhmu bil-lingwa Ingliza w ezentaw lill-Qorti

milli terga' tordna t-traduzzjoni tad-dokument mill-Ingliz ghall-Malti.

Ghalhekk ghalkemm jidher li bil-fors xi hadd, x' aktarx fid-Danimarka, kien ittraduca d-domandi li kellhom isiru lil dawn l-erba xhieda mill-Malti jew Ingliz ghad-Daniz, dan zgur li ma sarx kif kellu jsir mill-parti li talbet ir-rogatorji w cioe' mill-Prosekuzzjoni f' Malta w fl-istadju procedurali opportun. Dan decizament imur kontra l-procedura stabbilta mil-ligi.

L-abbli prosekutur Dr. Arthur Azzopardi, fil-kors tat-trattazzjoni orali, ssottometta li ghalkemm kien hemm nuqqas, dan in-nuqqas kien wiehed zghir. Inoltre l-istess artikolu 614 (2) jghid li jekk ikun hemm diffikulta' biex issir traduzzjoni, dan ir-rekwizit ma jibqax isehhhh. Issottometta wkoll li fil-verbal a fol. 387, il-Qorti kienet ivverbalizzat li sabet diffikulta' biex taghmel traduzzjoni mid-Daniz ghall-Ingliz. Pero' jigi mall-ewwel osservat li dan il-verbal sar mhux meta gewipprezentati ir-rogatorji fiz-zewg okkazzjonijiet izda meta ir-risposti ghar-rogatorji kienu gja gew lura. Ghalhekk dan il-verbal ma jiccentra xejn mal-irregolarita' procedurali fuq imsemmija, ghax sar xhur wara li gew prezentati w mibghuta r-rogatorji w addirittura **wara** li gew liura. F' kull kaz ma jidhirx li din id-diffikulta' kienet wahda insormontabbli ghaliex kemm meta xehdet Jette Johansen bid-Daniz quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll wara li gew ir-rogatorji lura, l-Ewwel Qorti sabet traduttur jew traduttrici li setghet tittraduci mill-Ingliz ghad-Daniz u vice versa. Din il-Qorti ghalhekk ma taqbilx li dan kien xi nuqqas zghir u li kien hemm xi diffikulta' li tirrendi it-traduzzjoni tal-lingwa Ingliza ghal dik Daniza mill-Prosekuzzjoni mall-ipprezentar tad-domandi rogatorjali mhux pratikabbli.
Ikkonsidrat;

Illi dawn iz-zewg partenzi sostanzjali minn dak li tippreskrivi l-ligi f' materja ta' ittri rogatorji, fil-fehma ta' din il-Qorti huma serji bizzejjed biex jirrendu l-istess procedura rogatorjali kollha nulla w bla effett u ghalhekk ir-risposti tal-erba xhieda fuq imsemmija, m' ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni fl-evalwazzjoni w l-

apprezzament tal-provi f’ din il-kawza. konsegwentement dawn iz-zewg aggravji li huma inkluzi fil-paragrafi B1 u B2 fir-rikors tal-appell  jidhru ben fondati u qed jigu akkolti.

Ikkonsidrat;

Illi l-Qorti qed tirrizerva li tittratta l-aggravju indikat bl-ittra B3 fir-rikors tal-appell tal-appellant aktar il quddiem f’ din is-sentenza billi jirrigwarda il-piena w ergo jiddependi mill-konkluzzjonijiet ta’ din il-Qorti dwar l-aggravji li jirrigwardaw ir-responsabbilta’ penali tal-appellanti fuq l-akkuzi taht il-ligi tad-Dwana.

Ikkonsidrat;

Aggravju iehor jikkonsisti filli is-subartikoli (a) , (j) u (k) tal-artikolu 62 tal-Ligi tad-Dwana ma japplikawx ghal kaz odjern minkejja li jissemmew fl-akkuza u fis-sentenza appellata.

Issa huwa minnu li s-subartikolu (a) tal-artikolu 62 tal-Kap. 37 , kif jissottomettu l-appellanti jirrigwarda r-reat ta’ min jimporta jew idahhal jew ikollu x’ jaqsam filli jigu importati jew imdahhlin f‘Malta,  oggetti li taghhom hija projbita l-importazzjoni jew li l-importazzjoni taghhom hija limitata. Hu minnu ukoll li kemm mill-mod kif inhi abbozzata l-akkuza kif ukoll mir-rizultanzi ma jidhirx li l-kaz tal-appellanti jista’ b’ xi mod jaqa’ taht dan it-tip ta’ ksur tal-ligi. Ghalhekk dan l-aggravju jidher fondat u qed jigi milqugh.

Is-subartikolu (j) tal-istess artikolu jittratta r-reat ta’ min ifixkel l-ufficjali tad-Dwana jew lil xi haddiehor inkarigat skond il-ligi biex ma jhallix li jsir kuntrabandu, fl-esekuzzjonijiet tad-dmirijiet tieghu jew fil-qbid ta’ oggetti li jistghu jigu konfiskati. Anki hawn kif abbozzata l-akkuza u mir-rizultanzi jista’ jinghid f’ dan l-istadju li ma jidhirx li l-appellanti setghu jinstabu hatja tar-reat ipotizzat taht dan is-subartikolu. Ghalhekk anki dan l-aggravju hu fondat u qed jigi milqugh.

Ghar-rigward tas-subartikolu (k) tal-istess artikolu, dan jittratta l-kaz ta' min ihajjar, jghin jew jassisti l-eghmil tar-reati imsemmija fl-istess artikolu. Hu minnu li l-appellanti qed jigu akkuzati bhala awturi tar-reati kontra l-ligi tad-Dwana u mhux bhala komplici, pero' din hija ligi specjali li tidderoga ghall-ligi penali generali, u f' hix kienet tikkonsisti ezatt – jekk kienet - il-partecipazzjoni ta' kull wiehed mill-appellanti ezattament hux bhala awturi materjali tal-ksur tal-ligi jew inkella hux bhala xi wiehed li jhajjar, jghin jew jassisti, l-eghmil tar-reat jiddependi mill-konkluzzjonijiet li ser tasal ghalihom din il-Qorti meta tkun qed tikkonsidra l-mertu w ghalhekk f'dan l-istadju qed tirrizerva li tinvesti dan l-aggravju aktar 'l isfel f' din is-sentenza, jekk ikun il-kaz. F' kull kaz, hu dejjem lecitu li Qorti tista' issib htija ta' komplicita' f' reat minnflok htija bhala awtur.

L-aggravju intestat B5 fir-rikors ta' l-appell jirrigwarda l-interpretazzjoni li l-Ewwel Qorti tat lill-artikolu 77 tal-Ligi tad-Dwana u li biha irriteniet li f' dan il-kaz ikun hemm inversjoni tal-oneru tal-prova fuq l-appellanti. L-appellanti jissottomettu li dan mhux kaz fejn instabet xi merkanzija li d-Dwana qed tallega li ma thallsitx dazju fuqha u allura skond l-art. 77 l-importatur irid jipprova hu li d-dazju thallas. Dan invece hu kaz fejn giet importata merkanzija w fejn l-oggetti kollha gew dikjarati imma fejn id-Dwana qed tallega li l-valur tal-merkanzija kellu jkun aktar gholi minn dak dikjarat. Ghalhekk f' din il-kawza mhux il-kaz ta' min ghandu jaghmel il-prova jekk id-dazju thallasx, imma trid issir il-prova li l-valuri kienu oghla. Ghalhekk skond l-appelanti l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta bdiet mill-ewwel biex tikkonsidra l-artikolu 77 . Imma kellha tibda biex tara jekk mill-provi, l-Prosekuzzjoni rmexxiliex tipprova minghajr dubju dettat mir-raguni, li l-valur veru tal-merkanzija dikjarata kien oghla minn dak dikjarat.

Issa fil-fatt l-Ewwel Qorti qalet li, fuq l-iskorta tal-gurisprudenza citata minnha, l-Prosekuzzjoni kellha l-ewwel taghmel il-prova *prima facie* , ghal dak li jirrigwarda r-reati taht l-Ordinanza tad-Dwana, li d-dazju ma kienx thallas, imbaghad kien japplika id-dispozittiv taht l-artikolu

77, tal-istess Ordinanza li jitfa’ l-oneru tal-prova li d-dazju effettivament kien thallas fuq l-imputat.

Dan l-artikolu jiddisponi li jekk meta jigu mitluba lura oggetti, maqbuda minnhabba nuqqas ta’ hlas ta’ dazju , jew ghal raguni ohra li ggib maghha l-konfiska, inkella fi procedimenti ghall-gbir ta’ xi piena ta’ flus, jew xort’ ohra skond l-Ordinanza, tinqala’ kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss fuq dawk l-oggetti kienx gie imhallas, jew jekk dawk l-oggetti kienux gew importati jew trasburdati jew zbarkati skond il-ligi, jew dwar il-lok minn fejn kienu gew dawk l-oggetti, f’ kull wiehed minn dawn il-kazijiet il-prova tieghu tmiss lill-persuna li taghmel dik it-talba jew lill-imputat li kontra tieghu isir dak il-procediment , skond il-kaz.

Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-appell kriminali “**Il-Pulizija vs. Ellul Sullivan et”** [20.3.2003]

“Illi l-pozizzjoni legali tal-import tal-artikolu 77 tal-Kap.37 in relazzjoni mal-artikoli 60 u 62 tal-istess Ordinanza tad-Dwana giet trattata *“funditus*” f’ numru ta’ sentenzi tal-Qrati Taghna .Hekk fis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **“Il-Pulizija vs. Victor Calleja**” [24.8.1990] gie ritenut hekk :-

“Il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet “**Il-Pulizija vs. Anthony Mifsud u George Grima “** deciza fit-12 ta‘ Gunju, 1989 ”

*“Fil-kaz kontra Anthony Mifsud et.. l-akkuzi kienu wkoll taht dawn l-artikoli . Il-Qorti tal-Appell deherilha li kellha taghmel distinzjoni bejn il-pozizzjoni legali taht l-artikolu 77 u dik taht l-artikoli l-ohra u din il-Qorti taqbel ma u taghmel taghha tali argumenti in relazzjoni ghal tali distinzjoni .”*

*“Fid-dawl ta’ dak li fuq inghad , din il-Qorti jidhrilha li l-pozizzjoni legali tista’ tigi enuncjata hekk :- “*

*“Kazijiet taht l-artikolu 62 : “*

*“Il-Ligi ma tuzax il-kelma xjentement fil-paragrafi kollha ta’ dan l-Artikolu.”*

*“Min jimporta oggetti li l-importazzjoni taghhom hi projbita , min jizbarka tali oggetti, min iwarrab oggetti mportati qabel jigu ezaminati mill-ufficjal inkarikat mid-Dwana , huwa awtomatikament passibli minghajr il-htiega tal-prova tax-xjenza.”*

*“Hawn il-prosekuzzjoni trid tipprova l-fatti materjali kif jinkwadraw ruhhom taht dawn il-paragrafi.“*

*“M’hemm bzonn lanqas li fil-kazijiet specifici l-imputat kien jaf li l-importazzjoni kienet projbita . Gie deciz li din hija kwistjoni ta’ ligi u mhux ta’ fatt . Ara f’dan ir-rigward is-sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza* ***Pulizija vs. Raymond Debono*** *deciza fit-28 ta’ Lulju, 1988.”*

*“Ghall-kuntrarju jekk l-imputat jallega li l-importazzjoni kienet legali ,a tenur tal-Artikolu 77 , irid jaghmel il-prova hu.”*

*“Paragrafi ohra ,pero’ , jirrikjedu ix-xjenza . Dawn huma s-subincizi (e) sa (i) tal-istess artikolu 62.”*

*“Taht il-paragrafu (f) per ezempju , il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat agixxa xjentement biex*
*a) laqa’ etc. ghandu l-oggetti in kwistjoni,*
*b) li tali oggetti ghandhom l-importazzjoni projbita jew limitata ,*
*c) jew tali oggetti kienu zdazjati ,*
*d) jew li tali oggetti kienu gew imwarrba minghajr hlas ta’ dazju mill-postijiet imsemmija fl-istess subinciz.”*

*Kif qalet il-Qorti fil-kawza kontra Mifsud, jekk il-prosekuzzjoni tipprova li l-appellant zamm ghandu jew laqa’ ghandu oggetti li fuqhom ma thallasx dazju b’daqshekk ma tkunx issodisfat il-vot tal-ligi billi tkun trid tipprova wkoll li l-imputat agixxa xjentement, altrimenti l-kelma xjentement tkun qeghda fil-ligi ghalxejn.”*

*“Il-prova tax-xjenza naturalment twassal sal-grad li l-appellant kien jaf jew ma setax ma kienx jaf, li l-oggetti li nstabu ghandu kienu ta’ natura ta’ dawk imsemmija fil-paragrafi rilevanti tal-kap. 37 “*

*“Taht l-Artikolu 77 .”*

*Dan japplika, kif juri l-istess Artikolu, meta tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju dovut kienx gie mhallas, jew li l-oggetti gew zbarkati skond il-ligi ecc. “*

*“Fi kliem iehor, fil-fehma tal-Qorti* dan *l-Artikolu jidhol in effett u jaltera l-piz tal-prova, meta l-imputat jinvoka tali fatti .”*

*“jekk l-imputat isostni li d-dazju thallas, jipprova hu.”*

*“Dan japplika f’kull kaz, anki fejn il-ligi tirrikjedi x-xjenza. Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova x-xjenza f’dawn il-kazijiet, imma jekk l-appellant jixtieq jallega xi difiza taht l-Artikolu 77, il-prova jrid iforniha hu. U kien proprju dan li gie deciz fil-kaz ta’ Mario Scicluna.”*

u f’ parti ohra tal-istess sentenza appena citata il-Qorti affermat li :-

*“Fil-kawza* ***Pulizija vs. Mario Scicluna*** *deciza fis-7 ta’ Marzu, 1985 , il-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-principju li a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap.37 , meta fi procediment taht dak il-Kap tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx gie imhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oggetti gew akkwistati , l-prova ta’ dan taqa’ fuq l-imputat .“*

*“In sostenn ta’ tali principju , l-Qorti ccitat sentenzi ohrajn u kompliet izzid hekk : “kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi nskritta minn dan l-artikolu u permezz tieghu jidher car li l-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm il-quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat.“*

Umbaghad fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. John Mary Deguara**" [7.9.1990] gie deciz li :-

"Hu l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova x-xjenza." u ".....huwa zbaljat li wiehed japplika l-principji tal-Artikolu 77 tal-Kap.37 meta l-appellant ma tax l-eccezzjonijiet rizultanti taht tali artikoli ."

Fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Azzopardi** " [22.9.1993] fejn id-difiza ssollevat in-nuqqas ta' xjenza u ta' mens rea tal-imputat fil-partecipazzjoni tieghu fir-reat lilu addebitat gie ritenut li :-

*" Jigi osservat immedjetament rigward dan il-punt li huwa strettament ta' natura legali, illi f'kazijiet precedenti fejn l-istess punt inqala' u gie deciz , il-pozizzjoni illi hadet din il-Qorti kienet fis-sens li dak illi kien gie deciz mill-Imhallef Harding, President ta' din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1945 in re.* ***'Il-Pulizija vs. Anthony Preca',*** *fejn, ghall-fini tal-ispostament tal-oneru tal-prova minn fuq il-Prosekuzzjoni ghall-fuq l-imputat, kienet saret distinzjoni importanti bejn il-kaz fejn l-imputat ikun l-importatur u l-kaz l-iehor fejn l-imputat ma jkunx il-komplici tieghu imma jkun assista fl-iskarikar tal-merkanzija. F'dik is-sentenza, li giet imbaghad sussegwentement segwita b'diversi sentenzi ohra fosthom dik in re* ***"Il-Pulizija kontra Joseph Farrugia"*** *deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 1991 , kien gie deciz li ghalkemm huwa veru li skond il-ligi f'akkuza ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju, il-prova li d-dazju kien thallas ghandha ssir mill-imputat, cio' nonostante fil-materja ghandha ssir distinzjoni bejn il-kaz fejn l-imputat huwa l-importatur ta' dak l-oggett jew il-komplici tieghu jew l-esekutur immedjat tal-att ta' kuntrabandu u l-kaz li l-imputat ikun haddiehor. F'dan l-ahhar kaz jinhtieg ghall-kontravvenzjoni ir-rekwizit tax-xjenza, igifieri li l-imputat kien jaf jew messu ragjonevolment ikun jaf li d-dazju dwar dak l-oggett ma jkunx gie imhallas."*

u

*"....ghaldaqstant meta c-cirkostanzi juru li l-imputat kellu ragjonevolment jahseb li id-dazju fuq oggetti minnu possedut ma kienx thallas, kellu r-rekwizit ta' dik ix-xjenza u allura huwa hati tal-kontravvenzjoni lilu addebitata. Diversament huwa ezenti minn kull htija min ma kienx jaf u ma setax ragonevolment ikun jaf li d-dazju ma kienx thallas jew min kien mic-cirkostanzi gustifikat jahseb li id-dazju thallas ........Wiehed pero ' jrid* joqghod attent *f'sitwazzjoni simili billi ma jispostax l-ordni tal-logika ta' kif ghandhom isiru l-affarijiet u ma jinqabadx f'nasba ta' spostament ta' ragonament pseuodologiku....Skond din il-Qorti l-ordni li ghandu jigi segwit huwa illi ghandu jigi stabilit l-ewwel u qabel kollox, x'tip ta' attivita' kienet qed issir mill-appellant . Ghal dan il-fini , din il-Qorti jidhrilha li originarjament il-prova inizjali illi l-imputat kien jew l-importatur ta' l-oggetti, jew il-komplici ... jew li almenu kellu element ta' konoxxenza ta' dak li kien qieghed isir, tinkombi fuq il-prosekuzzjoni, imbaghad una volta stabilit dan, cioe' li jew kien l-importatur jew kien il-komplici jew li kien fi kwalunkwe kaz jaf x'inhu jigri, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat fit-termini tal-lig . Pero' inizjalment kif inghad, il-prova trid issir mill-Prosekuzzjoni. "*

Illi dan l-insenjament u din id-distinzjoni gew segwiti minn din il-Qortu diversament preseduta fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Francis Xavier sive Franco Borg"** [23.9.1994] fil-kaz ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju bi ksur tal-paragrafi (g) u (h) tal-Artikolu 62.

Dejjem dwar dan l-element tax-xjenza din il-Qorti esprimiet ruha hekk fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Louis Frendo"** [12.3.1999] :-

"...dan ir-rekwizit ifisser li meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha relattivi u partikolari ghall-kaz, dawn l-istess cirkostanzi ghandhom ikunu bizzejjed fihom infushom biex juru li f'dak il-kaz, il-possessur tal-oggetti in kwistjoni kien jaf, jew messu ragonevolment ikun jaf minn dawk ic-cirkostanzi, li d-dazju/levy fuq dawk l-oggetti ma kienx imhallas **.** Din hi t-tifsira ta' dan ir-rekwizit tax-xjenza fl-imsemmija artikoli tal-Kap.37."

u meta dawn ic-cirkostanzi juru bic-car li l-appellant kien jaf li id-dazju / levy ma kienx thallas :-

“...hawn jiskatta in operazzjoni l-Artikolu 77 tal-Kap. 37 li jitfa’ l-oneru fuq l-appellant biex jipprova li d-dazju / levy fuq dawk l-oggetti kien thallas. Fil-kaz odjern u f’kazijiet simili, kull ma trid taghmel il-prosekuzzjoni hu li tipprova (a) dawk l-oggetti dahlu Malta, (b) li “prima facie” jidher li id-dazju/levy fuqhom ma kienx thallas, u (c) li dawk l-oggetti kienu fil-pussess u kontroll shih tal-appellant“.

L-import tal-artikolu 77 gie ukoll trattat fl-appell Kriminali **“Il-Pulizija vs. Joseph Said**“ [26.11.1992] u fl-Appell Kriminali **“Il-Pulizija vs. Joseph Grech Sant”** [4.2.1994] fejn ukoll gie ribadit il-principju li jekk tinqala kwistjoni dwar jekk oggetti kienx thallas id-dazju fuqhom jew kienux importati skond il-ligi, l-prova relattiva tmiss lill-imputat. Anki fl-Appell Kriminali **“Il-Pulizija vs. Andrew Zammit et”** [31.7.1998] gie ritenut :-

*“..hawnhekk il-Prosekuzzjoni m’ghandhiex bzonn tipprova li d-dazju ma thallasx jew li ma giex kawtelat , izda ghal kuntrarju , ……kien imiss lill-appellant jipprova illi d-dazju kien thallas jew li kellu raguni li kien thallas jew inkella b’xi mod kawtelat . L-oneru tal-prova hawn qieghed fuq l-appellant u hu hawn naqas . Kull ma trid taghmel il-prosekuzzjoni hawnhekk hu li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm ‘ l quddiem l-oneru tal-prova jaqa’ fuq l-appellant.”*

Illi ma hemmx dubju li f’ dan il-procediment li qed isir kontra z-zewg imputati appellanti hemm kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss kienx thallas kif ukoll dwar il-lok minn fejn kienu gejjin l-oggetti in kwistjoni. Il-ligi ssemmi d-dazju li jmiss u mhux xi dazju arbitrarju li jkun ghazel li jhallas l-importatur u ghalhekk il-fatt li f’ dan il-kaz l-oggetti kienu gew dikjarati w thallas xi dazju fuqhom ma jippekludix l-applikazzjoni tal-artikolu 77 ghaliex l-indagni ta’ nuqqas ta’ hlas ta’ dazju tinkludi ukoll indagni dwar nuqqas parzjali tal-hlas tad-dazju li jkun suppost li thallas u ma thallasx.

Ghalhekk, fid-dawl ta’ din il-pozizzjoni li tohrog mill-gurisprudenza in materja, din il-Qorti ma ssib xejn x’ ticcensura *“ut sic”* fl-enuncjazzjoni tal-ligi li ghamlet l-Ewwel Qorti dwar l-applikabilita’ tal-artikolu 77 tal-Ordinanza dwar id-Dwana w dwar l-ispostament tal-oneru tal-prova wara li l-prosekuzzjoni tkun ghamlet il-prova fuq imsemmija. (fol. 21 tas-sentenza dattilografata). Jekk din il-prova hekk imsejjha ”*prima facie*” saritx mill-Prosekuzzjoni w, jekk saret, umbaghad jekk kull wiehed mill-appellanti ghamilx il-prova tal-hlas tad-dazju li suppost kellu jithallas, skond l-origini tal-oggetti importati, din il-Qorti ser tinvestieh meta tigi biex tezamina l-apprezzament tal-fatti in meritu.

Ghalhekk dan l-aggravju ma jidhirx fondat.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-aggravju indikat bl-ittra **B6** li jirrigwarda l-appellant Emanuel Falzon, il-pozizzjoni ta’ Diretturi ta’ socjeta’ kummercjali f’ kazijiet taht l-Ordinanza tad-Dwana giet ukoll traccata fis-sentenza fl-appell kriminali **“il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et.”** fuq citata. Kien gie ritenut li l-Ordinanza tad-Dwana (Kap.37) ma fiha ebda dispozizzjoni tal-ligi espressa li tittratta r-responsabbilta’ tad-diretturi ta’ socjetajiet kummercjali li jkun involuti f’ xi ksur tad-dispozizzjonijiet taghha. Hawn ghalhekk wiehed irid jaqa’ fuq id-dispozizzjonijiet tal-Interpretation Act (Kap.249) li fl-artikolu 13 jghid testwalment hekk :-

*“Meta xi reat taht jew kontra xi dispozizzjoni li tinsab f’ xi Att , li jkun ghadda sew qabel jew wara dan l-Att , isir minn korp jew ghaqda ta’ persuni sew jekk tkun persuna guridika jew le kull persuna li , fil-hin tal-eghmil tar-reat , kienet direttur , manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda , jew kienet tidher li qed tagixxi f’dik il-kariga , tkun hatja ta’ dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat*

*“Izda, hlief dwar reati taht jew kontra xi dispozizzjoni li tinsab f’Att li fih hemm dispozizzjoni li tixbah id-dispozizzjoni ta’ dan l-artikolu , id-dispozizzjonijiet ta’ dan l-artikolu ghandhom japplikaw biss ghal reati li jkunu saru wara l-bidu fis-sehh ta’ dan l-Att .”*

Illi l-Interpretation Act kien in effetti dahal in vigore fi Frar, 1975 u l-artikolu 13 fuq citat ma jidhirx li kien gie effettwat b’ xi emendi sussegwenti. Ghalhekk dan hu applikabbli ghall-kaz odjern fejn ir-reati addebitati lill-appellanti jirrisalu ghall-periodu ferm sussegwenti ghall-1975. Dan ifisser li jekk il-Prosekuzzjoni tasal biex tipprova li saru reati mis-socjetajiet kummercjali li taghhom l-appellanti kienu diretturi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reati, hemm prezunzjoni *“juris tantum”* tal-htija taghhom ukoll individwali, sakemm ma jippruvawx, al menu sal-grad tal-probabbilita’ rikjest mill-akkuzat fi proceduri kriminali, li r-reati jkunu saru minghajr it-taghrif taghhom u li jkunu ezercitaw id-diligenza kollha xierqa biex jevitaw l-eghmil tar-reati in kwistjoni .

Illi kif jghid **L.C.B. GOWER** (“Modern Company Law” 2nd. Edit.(1957) p.138) :-

*“Recent years have seen a further development whereby the rule that the acts of directors are treated as those of the company is, in effect, applied in reverse, so that the acts of the company are treated as those of all its directors. Many modern statutes and regulations provide that if an offence is committed by a company, every director or officer shall be guilty of that offence unless he proves that it was committed without his consent and that he exercised due diligence to prevent its commission.”*

Illi stabilita l-pozizzjoni legali in materja li tirrigwarda dan l-aggravju tal-appellanti, din il-Qorti , qabel ma tidhol fl-aspett fattwali tieghu, thoss li jkun aktar opportun f’dan l-istadju li jkomplu jigu ezaminati ukoll l-aggravji l-ohra tal-appellanti li huma aktar t’indoli legali, billi dawn b’mod jew iehor jistghu wkoll jincidu fuq l-ezami approfondit dwar

apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti li jrid isir minn din il-Qorti .

Ikkonsidrat;

Dwar l-aggravju intestat bl-ittra **B7,** l-appellanti jsostnu li fis-sentenza appellata gew ripetuti zbalji li kien hemm fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-Pulizija tas-7 ta' Dicembru, 2004 u senjatament fejn jidhlu l-ismijiet tas-socjetajiet kummercjali involuti f' dan il-kaz. Jintqal ukoll f' dan l-aggravju li fir-rigward tat-tieni importazzjoni, li giet allaccjata mill-Ewwel Qorti u mill-Prosekuzzjoni mas-socjeta' "Crafts Creations Limited", il-"*letter to prosecute*" ma tkoprix din is-socjeta' u kwindi l-appellanti ma jistghux jinstabu hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom.

Illi l-akkuza issemmi li l-appellanti agixxew bhala Diretturi ta' Marketing International fl-ewwel importazzjoni ta' Novembru, 1992 u bhala Diretturi ta' Marketing Services Ltd. fil-kaz tat-tieni importazzjoni ta' Awwissu/ Settembru, 1993. Imkien ma tissemma Crafts Creations Ltd u dan jidher korrett. Il-*letter to prosecute* li ggib id-data tal-31 t' Ottubru, 1994 ukoll isemmi lil Marketing International Ltd fil-kaz tal-ewwel importazzjoni u ma ssemmiex socjeta' fil-kaz tat-tieni importazzjoni.(fol. 7 u 8). Fit-tieni *"letter to prosecute"* (Dok MV a fol. 10) li kellha tissostitwixxi l-ewwel "*letter to prosecute"* u li hija dik li fuqha hu bazat l-procediment odjern il-Kummissarju tal-Pulizija gie mitlub li jittiehdu passi kontra l-appellanti bhala diretturi tas-socjeta' Marketing International Limited fil-kaz tal-ewwel importazzjoni u bhala Diretturi tas-socjeta' Marketing Services Ltd. fil-kaz tat-tieni importazzjoni . Anki hawn din il-Qorti ma tara ebda skorrettezza w l-akkuza kif korretta tirrifletti proprju din l-ahhar *"letter to prosecute."* Hu minnu li ghalkemm Crafts Creations Ltd. ma ticcentra xejn, b' dana kollu l-prosekuzzjoni esebiet il-Memorandum and Articles of Association ta' din is-socjeta' minnflok dawk ta' Marketing International Ltd. Pero' f' kull kaz l-appellanti, fix-xiehda taghhom, ma jikkontestawx li huma t-tnejn Diretturi ta' din l-ahhar socjeta' ukoll. Ghalhekk anki jekk stess il-Prosekuzzjoni fin-nota taghha (fols. 505-506) semmiet din is-socjeta' Craft Creations Ltd. bi zball, dan

ma ghandu jibdel xejn u ghalhekk dan l-aggravju jidher infondat u qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

Dwar l-aggravju intestat **B8** u cioe’ li d-depozizzjoni moghtija minn Jette Johansen quddiem l-Ewwel Qorti f’ Malta hija mibnija fuq “*hearsay evidence*” , din il-Qorti f’ dan l-istadju ser tillimita ruha biex tiddikjara li dak li hu ovvjament bazat fuq *detto del detto* jew *hearsay evidence* , hi mhux ser tqiesu bhala prova ammissibbli. Konsiderazzjonijiet ohra dwar il-fatti li johorgu minn din id-depozzijoni din il-Qorti ser taghmilhom meta tigi biex tirrivedi l-apprezzament tal-provi li saru mill-Ewwel Qorti s’ intendi fuq dawk il-partijiet mill-istess depozizzjoni li hija ser tirritjeni li huma ammissibbli bhala prova.

Dwar l-aggravju intestat bhala **B9** fir-rikors ta’ l-appell u senjatament l-aggravji w sottomissjonijiet dwar l-import u l-kontenut tax-xiehda bil-procedura rogatorjali ta’ Jette Johansen, Birthe Hansen, Bjarne Christiansen u Dan Hansen indikati bl-ittri **ia, ib, ic** u **id** fir-rikors tal-appell fir-rigward tal-imputazzjoni taht l-artikolu 184 u, fejn applikabbli, taht l-artikoli 169, 188 u 308 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti m’ ghandhiex ghalfejn tikkonsidrhom in vista’ tad-decizjoni taghha li biha ddikjarat li dawn ix-xhieda li taw ix-xiehda taghhom bil-procedura tar-rogatorji mhumiex ammissibbli ghar-ragunijiet fuq elenkati.

L-aggravji l-ohra dwar l-imputazzjonijiet taht dawn l-artikoli ser jigu trattati flimkien mad-determinazzjoni tal-htija u l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti.

L-aggravju intestat bhala **B10** mhux aggravju ta’ natura legali *per se* imma wiehed li jirrientra fl-ezami tal-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti w ghalhekk din il-Qorti ser tiehdu in konsiderazzjoni meta tkun qed tezamina w tirrievalwa l-provi dwar il-mertu.

Ikkonsidrat;

Illi ezawriti l-aggravji ta’ natura prettament legali, din il-Qorti issa ser tghaddi biex tindirizza l-aggravju intestat bl-ittra C. fejn qed jinghid li l-appellanti nstabu hatja hazin fuq il-fatti tal-kawza w tesprimi ruha fuq l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti, tenut kont tal-fatt li issa l-prova naxxenti mill-ezami bil-procedura rogatorjali ta’ Jette Johansen, Birthe Hansen, Bjarne Christiansen u Dan Hansen qed tigi ritenuta mhux ammissibli ghax il-proceduri kienu nulli ghax ma giex osservat il-vot tal-ligi kif fuq spjegat.

Illi xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni kien **Paul Vassallo**, Spettur fid-Dipartiment tad-Dwana, li xehed a fol. 53 et. seq. Dan xehed li ghall-habta ta’ Settembru, 1993, kien gie moghti *“file*” sabiex jinvestiga rigward l-awtenticita’ ta’ fatturi u euro-1 certificates, maghmula minn Marketing Services Limited. Huma ikkunntattjaw id-Dwana Daniza w din irrispondiet billi baghtet fatturi li x-xhud iddeskriva bhala “*proprji w awtentici”,* li kienu gew moghtija lid-Dwana Daniza mill-esportatur Daniz. Sussegwentement hu rceva dokumenti minnghand id-Dwana Daniza illi allegaw illi l-fatturi ma kienux awtentici w hekk hu beda l-investigazzjoni tieghu.

Ix-xhud kompla jaghmel riferenza ghad-dokument LM4 li jirrigwarda l-ewwel importazzjoini ta’ 581 *call toys u pallet catalogue idea books* u li gie pprezentat minn Marketing International Services Limited biex tigi *released* il-merkanzija. Kien ghamel din id-dikjarazzjoni Charles Falzon ta’ 48, Wied il-Ghajn Street, Zabbar. Din il-merkanzija kienet giet koperta minn Euro 1 Certificate numru 152342 (Dok. LM9). Min jipprezenta tali Euro-1 Certificate ikun qed jiddikjara illi l-prodotti illi jidhru fuqu huma prodotti manifatturati l-Ewropa w ghaldaqstant ikunu soggetti ghal rata inqas ta’ dazju. Spjega l-kontenut ta’ dokumenti ohra esebiti (Dok. Lm1 sa LM54) w qal li t-*toys* involuti kienu gew dikjarati li huma ta’ valur ta’ 82891.895 Kroner Daniz li dak iz-zmien kienu ekwivalenti ghall-LM4507.44, skond dok. LM54. Meta tipparaguna d-dokumenti illi l-appellanti taw lid-Dwana ma dawk li d-Dwana Maltija rceviet mill-Customs and Taxes Administration Verification Bureau tad-Danimarka, nstab li

kien hemm diskrepanza totali tad-dazju dovut ta' LM3170.31c2m. L-appellanti kienu impurtaw darbtejn, darba fil-11 ta' Novembru, 1992 u darba fis-16 ta' Settembru, 1993.

Meta rega' xehed f' seduta sussegwenti (fol. 104 et seq.) **Paul Vassallo**, apparti milli kkonferma hafna minn dak li kien qal fl-ewwel xiehda tieghu, qal li l-Marketing International Limited f' Ottubru, 1992, kienet ghamlet importazzjoni ta' *Toys Catalogue Idea Books* u xi *advertising material*. Din il-merkanzija giet rilaxxjata mid-Dwana bid-dokumenti LM5 li hija *duty entry* enumerata 230878 li ggib id-data tal-11 ta' Novembru, 1993 u li ghal din il-merkanzija thallset is-somma ta' LM797 u depozitu ta' LM698 "*pending the production of Euro 1 certificate".* Wara umbaghad l-importatur jidher li pproduca l-EURO-1

Ix-xhud – wara xi oggezzjonijiet li saru ghax-xiehda tieghu – ddikjara li hu kien qed jahdem (wiehed jifhem jixhed) biss fuq dokumenti. Hu ma kien mar imkien u r-ricerka tieghu hija bbazata fuq dokumenti. Il-konkluzzjoni li hu ghamel kienet bazata fuq id-dokumenti li hemm fil-*file.*

Xhud iehor tal-Prosekuzzjoni kien **Louis Micallef** (Fol. 61 et. seq.) li xehed li kien qed jesebixxi emenda biex jigi alterat id-dazju u cioe' biex issir riduzzjoni fl-akkuza b'mod li d-dazju dovut minnflok LM4,189.09c1m ghandu jigi ridott ghall-LM3,900.54c8m (DOK. ML1). Meta rega' xehed a fol. 76 rega' kkorega l-figura tad-dazju w qal li dan jammonta ghal LM3954 08c. (kaz tipiku tal-konfuzjoni li biha xehdu xi xhieda w kif gie prosegwit il-kaz quddiem l-Ewwel Qorti!)

**Edward Scerri** (fol. 78 et seq.) xehed li hu kien ghamel zmien jahdem fil-"*long room*" tad-Dwana. Gharaf il-firma tieghu fuq id-dokumernt LM5 u dik ta' Nicholas Tonna. Ix-xoghol rilaxxjat kien jirrigwarda affarijiet tal-Lego. Mill-verifiki li kienu ghamlu kien irrizultalhom li l-maggoranza tal-oggetti kontenuti fil-kaxex kienu ta' origini ta' barra l-EEC. Ghalhekk kellhom struzzjonijiet li r-rilaxx isir wara depozitu, u l-appellanti li kien qed jara fl-awla kienu marru d-Dwana w accettaw li jaghmlu dad-depozitu. (Dok. LM6)

Kien siehbu (NicholasTonna) li beda jimmarka dik il-merkanzija w cioe' liema merkanzija kienet ta' origini jew ohra.

**Nicholas Tonna** (fol. 81 et seq.) xehed li hu kien qed jagharaf il-firma tieghu w ta' Edward Scerri fuq id-*duty entry* (Dok, LM5). Il-verifika tal-origini tal-merkanzija kienu ghamluha huma t-tnejn u hu kien immarka fuq l-istess document. Id-dokumenti kienu verament ghaddew mid-Dwana w gew ittimbrati. Id-diskrepanza kienet li l-merkanzija kellha l-origini taghha bhala "*Made in Switzerland*" u mhux tal-EEC, kif kienet parti zghira mill-istess merkanzija. Il-merkanzija  ghalhekk giet rilaxxjata wara li kien sar depozitu. Peress li kien ghadda z-zmien ma setax jidentifika lill-appellanti bhala l-persuni li kienu hallsu d-depozitu. Dan pero' kien sar bla ebda xkiel.

**John Mifsud** (fol. 84 et seq.) xehed li kienu attirawlu l-attenzjoni tieghu ghal xi diskrepanzi billi parti mill-merkanzija ma kienetx ta' origini tal-EEC, kif dikjarat fil-Euro-1. Hu ghalhekk kien baghtu d-Danimarka. Kien irceva xi dokumentazzjoni mid-Danimarka, pero' ma jafx jekk hux dwar dan il-kaz jew xi kaz iehor. Hu kien baghat din id-dokumentazzjoni lis-Security Branch. Ma kienx hu l-persuna li kien ta xi istruzzjonijiet fir-rigward tad-Depozitu.

**Michael Chetcuti**, li f' certu zmien kien Customs Clearance Officer, gharaf il-firma tieghu fuq id- *duty entry*, dokument LM5, fil-kaxxa appozita fejn ghandu jiffirma l-importatur jew l-agent tieghu.  Id-dokument kien ittajpjah hu.  Dak iz-zmien hu kien gja jahdem id-Dwana.  Meta xehed kien "*freelance*" fis-sens li jagixxi bhala agent tal-importatur. L-importaturi jhallulu d-dokumentazzjoni w hu jipprocesshom, fis-sens li jmur jiddepozita l-istess dokumentazzjoni d-Dwana w sussegwentement jirtirhom. Kif appena jirtira d-dokumenti, jmur flimkien mall-burdnar biex jirtira x-xoghol. L-appellant Charles Falzon indikat fuq id-dokument LM5 hu wiehed mill-klienti tieghu. Kien ix-xhud  li pprezenta d-dokument LM50 id-Dwana w hemm il-firma tieghu fl-istess kaxxa li hu indika fid-dokument precedenti fuq il-lemin tal-istess dokument u gharaf li l-indikazzjoni tal-importaturi turi Services Limited (Sic!) li

hija kumpanija li tappartjeni lill-ahwa Charles u Emanuel Falzon. Kienet haga normali bejnithom li l-imputati jhallulu d-dokumenti fil-*letter box*, umbaghad hu jaghmel ix-xoghol li ghandu jaghmel. Ma jistax jghid jekk humiex l-imputati jew impjegati taghhom illi jhallulu d-dokumentazzjoni fil-*letter box*, peress li hu jkun fuq xoghol barra. Jaf li l-imputati kellhom diversi kumpaniji.

Umbaghad xehdet f' Malta quddiem l-Ewwel Qorti, **Jette Johansen** li hija Inspector fid-Danish Customs Regional Division (Fol. 110 et seq.). Din qalet li kienet giet mitluba mid-Dwana f' Malta biex tivverifika t-Trade Certificates ghall-validita' taghhom u ghall-awtenticita' kif ukoll biex tivverifika liema kienet l-origini tal-merkanzija, peress li din kienet tinvolvi port Daniz. Ir-rizultat tal-investigazzjoni kienet li c-*certification* kienet saret "*on the correct basis"* imma gie nnotat li l-valur kien hafna aktar baxx minn dak originali *("originated*"). Esebiet dawn id-dokumenti w cioe' Dok. J1 li hija ittra mil-Lego Manufacturing Company fid-Danimarka biex jawtentikaw id-dokumenti; Dok. J2 li hija kopja tal-EURO-1 Certificate li nghataw mill-Lego lid-Dwana fid-Danimarka. L-original ta' dad-dokument ikun mibghut mil-Lego manufacturers mall-konsenja tal-merkanzija lill-importatur Malti. Dok. J3 hija kopja tal-invoice b' zewg pagni li tinzamm mill-Customs Department god-Danimarka w li tinhareg mil-Lego Manufacturers u tindika l-valur tal-merkanzija li kellha tintbaghat Malta lil Marketing Services Ltd. tal-Kalkara. Dok J4 bhal Dok J3 hija invoice ghall-merkanzija ohra. Dok J5 hija ittra miktuba mill-Lego manufacturers lilha fejn tghid li Lego qed jaghtuhom *specimen signatures*. Dok. J6 hi kopja tal-Euro-1 Certificate flimkien ma zewg invoices, Doks J7 u J8 li gew mibghuta lilha mill-Malta Customs Department. Hi kienet baghtet dawn l-ahhar zewg dokumenti lil Lego manufacturers fid-Danimarka u dawn kienu baghtulha lura d-dokumenti J1 u J5.

Ziedet tghid li l-persuni li kienet ikkonduciet hi personalment l-investigazzjonijiet maghhom fil-Lego manufacturers kienu l-Export Manager, Dan Hanssen u Bjorn Christiansen, u dan tal-ahhar kien li taha d-dokumenti J1 u J5. Hu ma ffirmax dawn id-dokumenti

quddiemha pero' u xi hadd iehor kien iffirma l-originali, certu Fusann (Sic !) (jew Susann fi traskrizzjoni ohra). Hi ma ltaqghetx ma din l-ahhar persuna li kienet iffirmat id-dokumenti pero' J7 u J8 li kienu gew mibghuta lilha mid-Dwana f'Malta.

Kien f' dan l-istadju (fol. 117) li d-difiza oggezzjonat ghall-dawn l-*specimen signatures* u meta l-Qorti interpellat lill-Prosekuzzjoni jekk hux ser tipproduci lil dan il-*clerk*, il-Prosekuzzjoni kienet iddikjarat li jekk ma jgibuhx, isiru r-rogatorji.

In kontro-ezami, **Jette Johansen** xehdet li meta d-Dwana f' Malta kienu kitbulha biex tivverifika, dan kien biex tivverifika l-origini tal-merkanzija li tidher fid-dokument J2. Hi ghamlet *"document control*" igifieri rat id-dokumenti li kellhom fid-Dwana tad-Danimarka. Hi sabet zewg invoices fil-Customs House fid-Danimarka, id-dokumenti markati J3 u J4 flimkien mall-Euro-1 Certificate Dok. J2. Hi ma kienetx prezenti meta inhargu dawn id-dokumenti. Hi kienet ukoll marret fl-ufficju tal-Lego fl-indirizz 7190 , Billum, (Sic!) Denmark u iltaqghet ma Dan Hanssen u Bjorn Christiansen. Id-dokumenti J1 u J5 kienu intbaghtu lilha wara din il-laqgha. Ikkonfermat li l-Euro-1 Certificate li vverifikat jindika li l-origini ta' din il-merkanzija kollha kienet id-Danimarka

Hemm umbaghad serje ta' domandi li ma tidhirx registrata risposta ghalihom fit-traskrizzjoni (fol. 126).

Jidher li dawn il-lakuni fit-traskrizzjoni sussegwentement imtlew minn Victoria Attard li kienet giet nominata bhala interpretu biex tittraduci mill-lingwa Daniza ghal dik Maltija u li esebiet id-dokumenti VA1 u VA2 a fol. 268 et seq. Di fatti Doreen Salamone kienet esebiet it-tape CS1 li tikkontjeni xhieda bil-lingwa Daniza ta' Jette Johansen u tape CS2 li jikkontjeni traskrizzjoni mil-lingwa Daniza ghall-lingwa Ingliza tal-istess xiehda. Attard xehdet (fol. 266) li ma kienx hemm partijiet li ma fehmithomx u jekk fil-kaz, ikun hemm id-*dots*.

Minn din it-traskrizzjoni gdida tax-xiehda ta' Jette Johansen li saret minn Victoria Attard (fols. 268 sa 285 bil-Malti w fols. 286 sa 303 bl-Ingliz) johorgu dawn id-dettalji li ma hargux fit-traskrizzjoni originali.

Jette Johansen kienet xehdet li hi ma kienetx prezenti ghall-ebda firma li saret fl-ispecimen signatures u lanqas meta l-fatturi kienu gew preparati jew mibghuta. Lanqas ma rat il-merkanzija titlaq. Ghad-domanda jekk il-Euro-1 Certificate li kien mahrug minn Lego , jghidx li l-origini tal-merkanzija hija kollha mid-Danimarka, ix-xhud wiegbet li le. Hemm il-marki fuq il-fatturi. Umbaghad ghad-domandi li saru mill-Qorti jekk mid-dokument J2 jidhirx li l-merkanzija kollha kienetx mahduma minn Lego kienu ta' origini Daniza, x-xhud wiegbet li iva.

**Lilian Bezzina** (fol. 173) esebiet bhala Dok. T1 il-Memorandum and Articles tad-ditta Marketing Services Ltd. u kkonfermat li d-diretturi ta' dis-socjeta' kienu Charles Falzon u Emanuel Falzon u li l-ufficcju registrat ta' din il-kumpanija kien: Factory RL-111 , Kalkara. Gie esebit il-Memorandum and Articles tas-socjeta' Crafts Creations Ltd. bhala Dok. T2 li kellha l-istess diretturi. Ikkonfermat ukoll li l-indirizz ta' Emanuel Falzon kien 48, Sliema Road, Gzira w ta' Charles Falzon kien: Sera, 2, Lange Street, Sliema.

**Charles Attard**, Assistant Direttur fid-Department of Trade (Fol. 210 et seq.) esebixxa kopji tal-licenzji ta' Marketing Services Ltd u Crafts Creations (Doks. T3 u T4 rispettivament u kkonferma li ghal dawn il-licenzji kien applika Charles Falzon .

Illi inoltre gew esebiti faxxikolu ta' dokumenti (Dok Lm1 sa Lm54) kif ukoll set iehor ta' dokumenti mmarkati (J1 sa J8 – fols.150 sa 164) li dwarhom xehdu Paul Vassallo u Jette Johansen quddiem l-Ewwel Qorti f'Malta.

Dawn huma x-xiehda w l-provi dokumentarji tal-Prosekuzzjoni li fuqhom, issa, din il-Qorti trid tibbaza l-konsiderazzjonijiet taghha in vista tad-decizjoni fuq referita li ma tiehux konjizzjoni tax-xiehda migbura bir-

rogatorji. Kien ghalhekk li din il-Qorti regghet ghaddiet in rassenja f’ daqstant dettall il-provi traskritti.

Ikkonsidrat;

Illi kif gustament irriteniet l-Ewwel Qorti trid issir distinzjoni ghal dak li jirrigwarda l-oneru tal-prova u l-ispostament ta’ dan l-oneru tal-provi minn parti ghal fuq ohra. Fil-waqt li fil-kaz tas-sitt imputazzjoni (f) li tirrigwarda l-allegat ksur tal-ligi tad-Dwana, jekk u wara li l-prosekuzzjoni taghmel prova anki *“prima facie”* li xi dazju ma jkunx thallas jew ma jkunx thallas <u>kemm imiss</u> u purche’ ukoll li tipprova x-xjenza ta’ dan fil-persuna li tkun importat xi merkanzija, huma l-imputati appellanti li jridu jaghmlu l-prova li d-dazju kollu ikun thallas kif imisss, fil-kaz tar-reati l-ohra addebitati lill-appellanti, tapplika dejjem ir-regola probatizja generali w cioe’ li l-Prosekuzzjoni trid tipprova il-htija tal-akkuzati sal-grad tac-certezza morali rikjest mill-ligi u cioe’ lill-hinn minn kull dubju ragjonevoli. Fiz-zewg kazijiet pero’ il-prova li jkun irid jaghmel l-akkuzat hija dejjem wahda sal-grad tal-probabbli u cioe’ li x’ aktarx iva milli le ikun gara dak li qed jghid jew qed jipprospetta hu . (ara App. Krim. **“Il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et”** fuq citata).

Issa f’ dan il-kaz, meta wara it-tieni konsenja ta’ toys li waslet Malta f’ Settembru, 1993, id-Dwana deherilha li kellha tinvestiga l-origini vera ta’ l-merkanzija li giet importata mis-socjeta’ Marketing Services Limited, li taghha z-zewg appellanti huma l-unici azzjonisti u diretturi (Dok. T1 a fol. 179 et seq.), hija ntebhet li kien hemm certi diskrepanzi bejn il-valuri dikjarati meta giet sdazjata l-merkanzija mid-Dwana Maltija u dawk li kienu gew dikjarati mid-ditta esportatrici Lego Overseas A/S lid-Dwana fid-Danimarka. L-istess irrizulta fil-kaz tal-ewwel konsenja li s-socjeta’ Marketing International Limited (li ukoll taghha l-appellanti jammettu li kienu l-unici diretturi u azzjonisti) kienet importat kwazi sena qabel minnghand l-istess ditta esportatrici f’ Novembru, 1992. Dan johrog car mir-rapport Dok. LM32 esebit minn Paul Vassallo. Dawn id-diskrepanzi hargu car minn dokumenti li d-Dwana Maltija kienet irceviet mid-Dwana Daniza.

Hekk fil-waqt li l-invoices prezentati lid-Dwana Maltija mis-socjeta’ importatrici Marketing International Limited f’ Novembru, 1992, li jgibu in-numri 53617 (Dok. LM1) u 65587 (Dok. LM1A u LM3) kienu juru ammont ta’ valur totali ta’ LM4495.17c8m, l-invoices bl-istess numri (Dok. LM10 u Dok. LM11 sa Lm14) flimkien mall-invoice 65588 (Dok. LM7 u LM8) - li kienet biss ghall-valur ta’ LM12.26c7m u li kienet *free of duty* - li d-Dwana Maltija rceviet mid-Dwana Daniza kienu jindikaw valur oghola w cioe’ dak ta’ ekwivalenti f’ liri Maltin ta’ LM16,283.34c7m. Dan ovvjament ghad-Dwana Maltija kien jindika li allura suppost li kellu jithallas dazju oghola minn dak li ppretendiet li kellha thallas is-socjeta’ Marketing International Limited.

L-istess irrizulta li fil-waqt li l-invoices li gew prezentati mit-tieni socjeta’ u cioe’ Marketing Services Ltd. f’ Settembru, 1993 u cioe’ l-invoices numru 68665 (Dok. LM21 u LM22) u 68666 (Dok. LM18 sa LM20), kienu juru valur ta’ LM795.34c9m mil-kopja tal-istess invoice 68665 (Dok. LM29 ) u 68666 (Dok. LM26 sa LM28) li d-Dwana ta’ Malta irceviet minnghand id-Dwana Daniza kien jidher li l-valur kien ta’ LM3181.31c5m. Dan ukoll kien jimplika li kien ser ikun hemm evazjoni ta’ dazju mis-socjeta’ importatrici.

Ghab-bazi ta’ dawn id-diskrepanzi fil-valuri, Id-Dwana Maltija kkonkludiet li permezz tad-*duty entry* 230878 (Dok. LM5) li giet prezentata minn Michael Chetcuti f’ isem Marketing International Ltd fil-11 ta’ Novembru, 1992 u permezz ta’ *duty entry* numru 318136 (Dok. LM25) ipprezentata mill-istess Chetcuti ghan-nom ta’ Marketing Services Limited fit-2 ta’ Settembru, 1993, kienet saret evazjoni ta’ dazju fl-ewwel kaz u tentattiv ta’ evazjoni ta’ dazju fit-tieni kaz li b’ kollox skond il-kalkolu sa dak in-nhar kien jammonta ghal ammont komplessiv ta’ LM3170.31c.

Rinfaccjata b’ dawn id-diskrepanzi lampanti, d-Dwana Maltija kellha ovvjament suspett fondat li saret din l-evazjoni w ghalhekk ipprocediet kontra l-appellanti. Hu ovvju li hawnhekk hawn kwistjoni dwar kemm kellu

jithallas dazju w x' kien id-dazju li kellu jithallas, apparti l-kwistjoni tal-origini tal-merkanzija, li, peress li rrizulta li parti mill-merkanzija kienet giet manifatturata l-Isvizzera u cioe' barra mill-EEC, kienet soggetta ghal dazju oghola ta' 30% minnflok dak ta' 16%. Meta jqumu dawn il-kwistjonijiet dwar id-dazju li jmiss u l-origini tal-merkanzija, l-oneru tal-prova li tkun thallas dazju kemm imiss jaqa' fuq l-importatur.

Ghalhekk ladarba saret prova *prima facie* mill-Prosekuzzjoni w din il-Qorti, mid-dokumenti esebiti hija sodfisfatta sal-grad tac-certezza morali li din il-pprova *prima facie* saret, salv li tigi pruvata ix-xjenza ta' kull wiehed mill-appellanti ta' dak li kien qed isir, huma l-appellanti li jridu jaghmlu l-prova sal-grad tal-probabbli li huma kienu hallsu dazju kemm imiss fuq dawn il-konsenji.

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tezamina l-apprezzament tal-provi tal-appellanti biex jiskarikaw dan l-oneru tal-prova issa mitfugh fuqhom, trid bil-fors tara ukoll jekk saritx il-prova mill-prosekuzzjoni tax-xjenza ta' kull wiehed mill-appellanti separatament, ghaliex jekk tirrizulta pruvata din ix-xjenza f' kull wiehed mill-appellanti, jiskatta umbaghad fil-konfront ta' kull wiehed minnhom id-dispozittiv tal-artikolu 77 tal-Kap.37.

Issa f'dan il-kaz l-importaturi huma zewg socjetajiet kummercjali debitament registrati w li taghhom l-appellati huma l-unici zewg Diretturi. Illi kif intqal fuq, l-Interpretation Act fuq citat johloq mill-gdid prezunzjoni ohra ta' htija fil-konfront ta' diretturi w ufficjali ohra ta' socjeta' kummercjali li tkun hatja ta' reat, kemm il-darba ma jippruvawx li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghhom u li jkunu ezercitaw id-diligenza kollha xierqa biex jevitaw l-eghmil tar-reat in kwistjoni.

Illi hawn ghalhekk trid tigi ezaminata il-pozizzjoni ta' kull wiehed miz-zewg imputati separatament ghax jidher li jista' jkun hemm lok ghal distinzjoni bejn l-involviment ta' kull wiehed miz-zewg diretturi taz-zewg kumpaniji.

Di fatti, **Emanuel Falzon** xehed (a fol. 463 et seq.) li huwa direttur u shareholder ta' Marketing International Ltd, Marketing Services Ltd u Craft Creations Ltd. Marketing International Ltd kienet bazikament timporta *toys* u prodotti ohra. Marketing Services Ltd. *basically* li taghmel hu li timporta *raw materials* u xi prodotti ohra li r-raw materials tohodhom il-fabbrika Craft Creations Limited li timmanifattura *furniture, solid sufaces* u affarijiet hekk, ghall-*export* u ghall-*local market*. Hu ma kellux x'jaqsam mall-ordnijiet li jsiru minn barra minn Marketing International Ltd. Hu kien jiehu hsieb il-fabbrika, igifieri l-*production* tal-*furniture* u dik il-linja u l-*management* u s-*sales* tal-fabbrika. F' Marketing International Ltd. ma jaghmel xejn. F' Marketing Services Ltd. il bicca l-kbira jiehu hsieb ir-*raw materials* li huma tal-fabbika. *Toys* assolutament le. Ma kienx jiehu hsieb hu u qatt ma giet f' idejh xi dokumentazzjoni  tal-importazzjoni rigwardanti xi gugarelli u ma kellux x' jaqsam xejn fit-tmexxija tal-kumpanija Marketing International Ltd u dan ghaliex kien huh Charles (sive Carmel) li kien imexxi dis-socjeta'. Is-socjetajiet huma f' lokalitajiet differenti. Hu kien jiehu hsieb jordna r-*raw materials* ghall-kumpanija Crafts Creations Ltd u dawk li kienu jkunu *foreign supplies* kienu jidhlu taht Marketing Services Ltd.

Illi hu minnu li dan l-appellant meta gie interrogat mill-Pulizija (fol. 47 u 48) kwazi ma wiegeb ghall-ebda domanda hlief li hu direttur tal-kumpanija Craft Creations Ltd, li hu ghamara jaghmel, u li l-kumpanija Marketing International Ltd hi tieghu u ta' Charles (sive Carmel Falzon). Imma kjif gie ritenut fl-Appell Kriminali ta' **Andrew Ellul Sullivan et**, fuq citat :

*"… skond il-prassi w l-gurisprudenza applikabbli sal-lum, ma ghandha w ma tista'  tingibed ebda inferenza ta' htija mis-silenzju tal-persuna suspettata waqt l-interrogatorju la darba din ghandha mhux biss id-dritt li tibqa' siekta izda tigi ukoll normalment informata b' dan id-dritt fil-bidu tal-interrogatorju bis-*"solita twissija" .

Ghalhekk il-pozizzjoni korretta tidher li hi li ma tista' ssir ebda nferenza ta' htija mis-silenzju totali jew parzjali tal-

appellant fil-kors tal-interrogatorju tieghu mill-Pulizija bil-ligi kif kienet fiz-zmien l-allegati reati , fiz-zmien meta saru l-interrogatorji w, del-resto, kif ghadha sal-lum. Hekk gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Amadeo Brincat et"** [6.6.1994] fejn ukoll kien il-kaz li wiehed mill-appellanti , wara li kien gie mwissi li ma kienx obbligat li jwiegeb ghal ebda domanda, ghazel li ma jwiegeb ghal ebda mistoqsija.

Issa, kif gja intqal aktar 'l fuq f' dis-sentenza, l-prova tax-xjenza trid twassal sal-grad li l-imputat kien jaf jew ma setax ma kienx jaf li l-oggetti li jkunu gew f'idejh kienu r-rizultatta' xi agir kopert b' xi wiehed jew aktar mil-paragrafi tal-art. 62 tal-Kap.37 .

Illi din il-Qorti taghmel riferenza ghall-bran mehud mis-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tas-27 ta' Gunju, 2002 fil-kawza **"Francis John Butler vs. The United Kingdom"** fejn intqal testwalment hekk :-

*"… the Court recalls that in criminal proceedings against the accused it is not incompatible with the requirements of a fair trial to shift the burden of proof to the defence …..; nor is the fairness of a trial vitiated on account of the prosecution's reliance on presumptions of fact or law which operate to the detriment of the accused , provided such presumptions are confined within reasonable limits which take into account the importance of what is at stake and maintain the rights of the defence."* (see the Salabiaku v. France judgement of 7 October, 1988 , SERIES A, no.141-A , p.16 para. 28 in fine ; the Pham Hoang v. France judgement of 25 September 1992, Series A no. 243 p. 21 para. 33)" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Hu minnu li l-ligi testendi din il-prezunzjoni ta' htija anki fejn wiehed li ma jkunx jaf x' kien ghaddej, ma jkunx ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat, pero' kif gie ritenut fis-sentenza appena fuq citata tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li giet ukoll citata b' approvazzjoni fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kaz ta' **Andrew Ellul Sullivan et.**, *"presumptions of fact"* simili

jridu jkunu "*<u>confined within reasonable limits which take into account the importance of what is at stake…"</u>*  Kif ukoll gie ritenut fil-kaz ta' **Ellul Sullivan** : *"…hu risaput li f'kull organizzazzjoni kullhadd ghandu l-funzjonijiet, il-mansjonijiet u r-responsabbiltajiet tieghu. F' azjendi zghar fejn ikun hemm certa fiducja reciproka jew fejn ikun hemm relazzjonijiet familjari bejn il-persuni koncernati, mhux difficli li wiehed jiltaqa' ma kazijiet fejn dak li jkun jafda lil persuna l-ohra li tkun qed tiggestixxi taqsima ohra tal-attivita' li tkun u jhalli f'idejha."* Mhux ghalhekk eskluz a prioristikament li Emanuel Falzon seta' ma kienx jaf x'kien ghaddej ezatt ghaliex kien ihalli l-gestjoni kollha tal-importazzjoni tal-gugarelli f' idejn huh Charles Falzon.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, anki bl-applikazzjoni tal-ispostament tal-oneru tal-prova fuq l-importatur u tal-prezunzjoni ta' htija tad-Diretturi ghal reati kommessi minn socjeta' mahluqa bl-Interpretation Act, il-pozizzjoni tal-appellant Emanuel Falzon trid tigi konsidrata b'mod differenti minn dik tal-appellant l-iehor Carmel Falzon.

Ghalhekk fl-istat tal-provi kif inhu llum, jidher li Emanuel Falzon ma giex pruvat fil-konfront tieghu li hu kien b' xi mod agixxa jew ha parti attiva  fl-importazzjoni ta' din il-merkanzija miz-zewg socjetajiet li fihom kien direttur, u li dak li sar minn haddiehor kien jaf bih.

Invece l-appellant **Carmel Falzon** (fol. 491 et esq.) xehed li dak iz-zmien kellu tlitt kumpaniji, Marketing International Ltd. li kienet timporta t-*toys*, Marketing Services Ltd. li kienet timporta *raw materials* u gieli anki *toys* u affarijiet relatati u il-factory Craft Creations li kienet taghmel *manufacturing* tal-injam, *furniture*. Dak iz-zmien kien jixtri u jaghmel hafna *duties* u kien ukoll jaghmel l-imports tal-fabbrika.

Minn Marketing International Ltd. kienu jimportaw *toy*s fosthom Lego u kien ilhom agenti tal-Lego f' Malta xi ghaxar snin. Normalment l-ordnijiet ta' din il-kumpanija kien jaghmilhom hu. Denmark Kienet fl-Unjoni Ewropea dak iz-zmien u l-procedura kienet li kienu jixxippjaw l-affarijiet u kienu johorgu euro-1 ticket fuq kollox, qiesu

maghmul Denmark. Meta kien imur hemm kien jara l-*productio*n u l-*storage* tal-affarijiet dejjem hemmhekk .Hu qatt ma kellu x' jahseb li uhud mill-prodotti kienu jsiru barra Denmark u anki jekk toqghod tqisha ma kienx jaghmel sens ghax l-Isvizzera tant kienet gholja l-*production*. Hu ma kienx jaf li xi prodotti tal-Lego kienu jsiru l-Izvizzera u sar jaf b' dan meta tad-Dwana ghamlu xi *spot checks* u sabu li minoranza tal-oggetti kienu originaw mill-Isvizzera. Kien wara dan l-incident li sab li xi oggetti kienu jigu manifatturati l-Isvizzera.

**Carmel Falzon** zied jixhed li l-invoices kienu jigu mas-*ship's bank*, ossia mall-vapur, ghax xi kulltant kienu jdumu biex jaslu d-dokumenti. Umbaghad l-agent kien jibghatilhom in-*notice of arrival* u huma kienu jaghtu din in-*notice* lil Michael (Chetcuti) li kien jikklerjalhom ix-xoghol taghhom u minn hemmhekk il quddiem kien jiehu hsieb hu. Cahad li hu qatt biddel xi invoice li kien irceva fis-*ship's bank* jew gieghel lil xi hadd biex ibiddel xi invoice. Il-*file* pero' kienu ghaddewh lil Dr. Perici Calascione in konnessjoni mall-kawza civili li huma ghamlu w dan intilef. Barra minn hekk, kellhom serq mill-fabbrika u kienu ghamlulhom dizastru mic-*cheque books* u kien ghadhom qed jippruvaw isibu dawn ic-*cheques*. Id-dazju kien ta' 16% imma eventwalment minnhabba dil-kwistjoni sar 27%, ghax ix-xoghol kien gej minn *non EU country*. Hu kien *managing director* u responsabbli mill-ordnijiet.

Certament il-prosekuzzjoni ghamlet  il-prova inizjali li tinkombi fuqha illi dan l-imputat kien jew l-importatur ta' l-oggetti, jew il-komplici ... jew li almenu kellu element ta' konoxxenza ta' dak li kien qieghed isir, allura, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, una volta stabilit dan, cioe' li jew kien l-importatur  jew kien il-komplici jew li kien fi kwalunkwe kaz jaf x'inhu jigri, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat fit-termini tal-ligi.

Illi d-Direttur direttament inkarikat mix-xoghol u proceduri kollha li kellhom x'jaqsmu mal-ordnijiet ta' gugarelli  kien l-appellant Charles Falzon. Din il-Qorti thoss li anki jekk ma rrizultax pruvat li Charles Falzon kien hu li materjalment kien imur jizdogana l-merkanzija inkriminata ghax kien

jaghmel uzu minn Michael Chetcuti biex jizdogana il-kunsinni relattivi, huwa zgur li ghandu jirrispondi bhala komplici f' dan ir-reat billi kien ikun huma li jorganizzaw ix-xoghol tad-Dwana tas-socjetajiet rispettivi li taghhom kien direttur w kien huwa li ta l-ordnijiet lill-agent tieghu Chetcuti jew xjentement ghenu jew assistieh bhala awtur tar-reat fl-atti li bihom ikun gie preparat jew ikkunsmat ir-reat.

Ghalhekk minn din ix-xhieda dan l-appellant ma jistax jghid li ma kienx involut fl-importazzjonijiet in kwistjoni w ghalkemm kien jghaddi kollox lil Michael Chetcuti biex jghaddi l-karti mid-Dwana, dan Chetcuti kien qed jagixxi fl-interess tieghu w tas-socjetajiet importatrici li hu kien direttur taghhom. Issa hu ma jistax bhal huh jargumenta b' success li ma kien jaf b' xejn u li ma kellu x' jaqsam xejn.

Saret il-prova *prima facie* li l-valuri li kienu jidhru fuq l-invoices fiz-zewg konsenji li gew prezentati lid-Dwana Maltija kienu ferm inqas mill-valuri li kienu jidhru fuq l-invoices bl-istess numru li d-ditta Lego kienet baghtet lid-Dwana tad-Danimarka mall-esportazzjoni tal-istess konsenji. Mhu xejn verosimili li dan kien ir-rizultat ta' xi zball genwin li rrepeta ruhu wara madwar sena bejn konsenja u ohra. Dan l-izball kien jibbenefika biss u unikament lis-socjetajiet importatrici li l-ordnijiet taghhom kien qed jaghmilhom "*ex admissis*" Carmel Falzon. Lanqas ma jirrizulta li d-ditta Lego kellha xi interess jew setghet tikseb xi vantagg billi tiddikjara lid-Dwana Daniza valuri oghola minn dawk attwali w li jkunu gew *invoiced* lill-klient f' Malta.

Ghalhekk wiehed l-inqas li kien jistenna kien, kif qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, li jressaq hu kull prova li tista' twassal biex jipprova li d-dazju li kien thallas kien dak gust u li jmiss. Dan seta' jaghmlu b' diversi modi u anki jekk "intilef" il-file ta' ordnijiet ohra u ta' pagamenti ohra maghmula lill-istess Lego fuq il-firxa ta' ghaxar snin li kien ilhom agenti taghha, matul it-tlettax il-sena li hadet din il-kawza biex inqatghet mill-Ewwel Qorti, kellu kull opportunita' li jitlob lill-istess ditta korrispondenti tieghu Lego biex tissupplieh bid-dokumentazzjoni kollha utili w

rilevanti halli jkun jista' jipprova li l-valuri li kien hemm fuq l-invoices minnu prezentati kienu genwini. Seta' hu stess irrikorra ghall-ittri rogatorji biex jottjeni dan u seta' ukoll ipprofitta ruhu mil-proceduri rogatorjali li saru fid-Danimarka fuq talba tal-Prosekuzzjoni biex hu ukoll jikkontro-ezamina lix-xhieda tal-prosekuzzjoni jew addirittura jitlobhom jipproducu dokumenti li setghu javallaw il-pozizzjoni tieghu. Mhux talli ma ghamel xejn minn dan, imma addirittura rrifugja ruhu wara oggezzjonijiet legali biex dak li rrizulta mil-procedura rogatorjali jigi annullat. Imma dan mhux bizzejjed ghall-fini tal-artikolu 77.

Illi inoltre din il-Qorti taqbel perfettament mall-konsiderazzjonijiet l-ohra kontenuti fil-pagni 23 u 24 tas-sentenza appellata, fir-rigward tas-sejbien ta' htija fuq is-sitt imputazzjoni tal-ksur tal-Ligi tad-Dwana ghalkemm **biss** fil-konfront tal-appellant **Carmel Falzon** u tara li dawn huma validi ghall-ahhar.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel mall-apprezament tal-provi li bih l-Ewwel Qorti ikkonkludiet li fir-rigward tas-sitt imputazzjoni (f) l-appellant Carmel Falzon ma ppruvax, lanqas sal-grad tal-probabbli, li kien thallas id-dazju li jmiss fuq iz-zewg konsenji in kwistjoni u ghalhekk ma skarikax l-oneru impost fuqu mill-Art. 77 tal-Kap.37.

Konsegwentement fil-konfront biss ta' dan l-appellant jirrizultaw il-htijiet kontemplati fl-art. 60 (a) u (k) u l-paragrafi (b) (i) (k) u (m) tal-artikolu 62 tal-Kap.37.

Ikkonsidrat;

Illi pero' kull prezunzjoni ta' fatt li l-artikolu 77 tal-Kap.37 jista' talvolta jitfa' fuq l-appellanti, ghal dak li jirrigwarda r-reati taht l-istess Kap. 37 u l-kwistjoni tal-hlas tad-dazju, ma tikkomunikax ukoll ghar-reati l-ohra dedotti kontra l-appellanti taht il-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta w senjatament dwar falsifikazzjoni ta' dokumenti, l- uzu ta' dokumenti foloz, falsifikazzjoni f' att awtentiku jew pubbliku jew fi skrittura kummercjali w uzu tal-istess domumenti falsifikati, li ghamlu dikjarazzjonijiet jew stqarrija falza w

ta’ frodi b’ eghmil qarrieqi, inkluzi fl-akkuzi bl-ittri a), b), c), d) u e) fic-citazzjoni originali kif emendata w koperti rispettivament bl-artikoli 167,169, 183, 184 , 188 u 308 tal-Kap.9 li bihom gew akkuzati l-appellanti

Illi ghar-rigward ta’ dawn l-akkuzi japplikaw ir-regoli generali tal-grad tal-prova li l-ligi timponi fuq il-prosekuzzjoni bla ma tisposta l-oneru tal-prova fuq l-appellanti.

L-Ewwel Qorti gja ddecidiet li fuq il-provi li tressqu – anki meta qieset ix-xiehda li ttiehdu bir-rogatorji - ma rrizultawx ir-reati kontemplati fl-ewwel imputazzjoni (art. 167) u fl-ewwel parti tat-tielet imputazzjoni (art. 183) li jirrigwardaw falsifikazzjoni, u dan fil-konfront taz-zewg appellanti. Dwar dan ma hemmx appell mill-Avukat Generali.

Din il-Qorti gja esprimiet ruha li fil-konfront tal-appellant **Emanuel Falzon** ma giex pruvat sodisfacentement li hu kellu x’ jaqsam f’ dawn iz-zewg importazzjonijiet u / jew li b’ xi mod kien jaf x’ kien qed jigri jew li bid-debita diligenza seta’ jkun jaf x’ kien qed jigri fic-cirkostanzi tal-kaz. Irrizulta, ghall-inqas sal-grad tal-probabbli, li hu kellu mansjonijiet ohra fis-socjetajiet involuti w ghalhekk fil-kaz tieghu, il-provi ndizjarji ma jwasslux necessarjament ghall-konvinciment morali ta’ din il-Qorti li huwa bil-fors kien jaf li qed jintuzaw dokumenti falsifikati, li kienu qed isiru dikjarazzjonijiet foloz, u li kien qed isir qligh b’ qerq ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta w, f’ dan il-kaz, la hemm certu element ta’ dubju ragonevoli, dan irid imur favur tieghu. Ghalhekk ghandu jsegwi li l-Ewwel Qorti ma kellhiex issib htija fil-konfront ta’ dan l-appellant fir-rigward tas-sitt imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu w mhux biss tal-ewwel imputazzjoni w tal-ewwel parti tat-tielet imputazzjoni, kif ghamlet.

Illi mbaghad, una volta li din il-Qorti qed tiddeciedi li x-xiehda mehuda bir-rogatorji mhux ammissibbli minhabba l-irregolaritajiet fuq imsemmija, l-provi l-ohra ammissibbli li issa ghandha quddiemha din il-Qorti, ghalkemm huma bizzejjed biex jaghmlu l-prova *prima facie* mehtiega qabel

ma l-oneru tal-prova li jkun thallas dazju kemm imiss jigi spustat fuq l-importatur, f' dal-kaz l-appellant Carmel Falzon , ghall-fini tas-sitt imputazzjoni taht il-Kap.37, mhumiex bizzejjed biex iwasslu ghall-konvinciment morali ta' din il-Qorti biex jirrizultaw minghajr dubju dettat mir-raguni r-reati l-ohra li jaqghu taht il-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' t-tieni imputazzjoniji, t-tieni parti tat-tielet imputazzjoni, r-raba' w l-hames imputazzjoni fil-konfront ta' dan l-appellant.

Ikkonsidrat;

Dwar ir-raba' aggravju tal-appellanti ahwa Falzon u dak tal-appellant Avukat Generali dwar il-piena, jintqal mill-ewwel li, in vista' tal-konkluzzjoni fuq raggunta li l-appellant Emanuel Falzon m' ghandux jinstab hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, l-aggravju tieghu dwar il-piena ghandu jigi akkolt pjenament. L-aggravju tal-Avukat Generali li kull wiehed miz-zewg appellati Falzon kellu jigi kundannat ihallas il-multa sepatament u mhux "flimkien" issa gie rez mhux applikabbli ghall-kaz ghalkemm kien ikun altru minn fondat, kieku rrizultat ukoll il-htija tal-appellant Emanuel Falzon. Ghalhekk din il-Qorti mhux ser tiehu aktar konjizzjoni ta' dan l-aggravju tal-appellant Avukat Generali.

Aggravju iehor tal-appellanti dwar il-piena hu li ma kellux jigi kalkolat id-dazju kollu dovut ghall-fini tal-multa imma biss id-differenza bejn id-dazju li kien imissu thallas u dak li attwalment kien thallas mall-prezentata tad-*duty entries* relattivi. Peress li d-dazju li kellu jithallas kien LM3900.54c8m (kif issa del resto qablet anki l-prosekuzzjoni) u peress li jirrizulta li gja kien thallas LM1716.77c8. dazju, id-diskrepanza hija ta' LM2,183.77com. Hekk tlitt darbiet l-ammont ta' dan il-bilanc ta' dazju dovut ikun jammonta ghall-LM6,551.31c fl-

ahjar ipotesi ghall-appellanti u LM11,701.64c4m fl-aghar ipotesi ghalihom.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-verbal registrat fl-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2007, li bih Dr. Arthur Azzopardi ghall-Prosekuzzjoni ddikjara li f' dan il-kaz id-dazju kollu dovut kien jammonta ghall-LM3900.54c8m u li konsegwentement il-multa applikabbli kellha tkun dik ta' LM11,701.64c u mhux dik erogata mill-Ewwel Qorti ta' LM43,867.82c fis-sentenza appellata, u dan oltre l-konfiska li hija tassattiva.

Illi fil-waqt li Dr. Emmanuel Mallia qabel li kull multa eventwalment erogabbli kellha tkun dik kif issa dikjarat mill-Avukat Generali fil-konfront ta' kull wiehed miz-zewg appellanti/appellati, salv pero' u bla pregudizzju ghall-mertu tal-appell taghhom, ma qabilx li l-oggetti kellhom jigu konfiskati w dan peress li kien ghad hemm kawza dwar is-*seizure note* pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Ikkonsidrat;

Li apparti li fil-process ma hemm l-ebda prova dokumentarja ta' din il-kawza civili u x' inhuma preciz it-talbiet fiha kontenuti, hlief riferenza ghal xi proceduri fix-xiehda ta' Carmel Falzon biex jispjega ghaliex intilef il-*file* relattiv ghall dawn l-importazzjonijiet, fejn tirrizulta evazjoni ta' dazju taht xi wiehed mis-subartikoli tal-art. 60 tal-Kap. 37, kif inhu l-kaz f' dal-process, il-konfiska hija tassativa jekk tinstab htija. Ghalhekk dan l-aggravju huwa infondat.

Jekk umbaghad xi Qorti civili – li suppost skond l-artikolu 73 (8) tal-Kap.37 iddecidiet il-kawza hafna snin ilu - tiddeciedi li l-oggetti ma kellhomx jigu maqbuda w li ghandhom jigu rilaxxjati, dejjem jibqa' disponibbli ghall-appellant Carmel Falzon ir-rimedju li jezisti taht l-artikolu

75 tal-Kap.37, bl-intervent tal-President tar-Repubblika. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Finalment l-aggravju li l-kalkolu tal-multa ghandu jsir biss fuq il-bilanc tad-dazju dovut biss u mhux fuq id-dazju kollu huwa ukoll infondat ghaliex il-ligi titkellem "fuq id-dazju li ghandu jithallas" u mhux fuq il-**bilanc** tal-istess dazju li jkun baqa' ma thallasx. Ghalhekk il-kalkolu tal-multa kif issa kalkolat u mitlub mill-Avukat Generali ghandu jreggi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell tal-appellanti Emanuel u Carmel ahwa Falzon billi tilqa' l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn sabet liz-zewg appellanti mhux hatja tal-ewwel u tal-ewwel parti tat-tielet imputazzjoni u fejn sabet lill-appellant Carmel Falzon hati tas-sitt imputazzjoni, w tirrevokaha fejn sabet lill-appellant **Emanuel Falzon** hati tat-tieni, it-tieni parti tat-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, b' dan li hu ghalhekk ghandu jigi liberat minn kull imputazzjoni w piena, kif ukoll tirrevokaha fejn sabet lill-appellant **Carmel Falzon** hati tat-tieni, t-tieni parti tat-tielet, ir-raba', w il-hames imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, b'dan li hu ghandu jinstab hati biss tas-sitt imputazzjoni, kif ukoll tirrevokaha fejn ikkunndannat liz-zewg appellanti ghal erbatax il-xahar prigunerija sospizi ghal sentejn u fejn ikkundannathom flimkien ihallsu multa ta' LM43,867.82c. u minnflok tillibera lill-appellant **Emanuel Falzon** mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu w minn kull piena w tillibera lill-appellant **Carmel Falzon**, mit-tieni, t-tieni parti tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet , b'dan li ghalhekk issa ghandu jinstab hati biss tas-sitt imputazzjoni dedotta kontra tieghu, w minnflok tikkundanna lill-istess appellant Carmel Falzon ghall-piena ta' sena prigunerija sospiza ghall-sentejn a tenur tal-Art. 23A tal-Kodici Kriminali u ghall-multa ta' hdax il-elf, seba' mija w lira Maltin, erba w sittin centezmu w erba millezmi (LM11,701.64c4m) u tordna l-konfiska tal-oggetti u l-merkanzija kollha maqbuda.

Tilqa' l-appell tal-Avukat Generali limitatament billi tordna, kif gja ordnat, il-konfiska tal-oggetti elevati li fuqhom ma

thallas id-dazju li jmiss u tastjeni milli tippronunzja ruha fuq it-talba (altrimenti ben fondata) biex il-multa tithallas minn kull wiehed mill-appellati separatament u dan in vista tad-decizjoni fuq raggunta li l-appellat Emanuel Falzon ghandu jigi liberat minn kull imputazzjoni w piena.

Fl-ahharnett spjegat bi kliem car lill-appellant Carmel Falzon ir-responsabbiltajiet tieghu w l-konsegwenzi legali jekk hu fi zmien sentejn mil-lum jinstab hati ta' xi reat iehor soggett ghal-piena ta' prigunerija skond l-art. 28A u 28B tal-Kap.9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------